# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Jannar 2001 - Nru. 825



## Ħolma li Seħħet

Din ir-rivista giet
moghtija minn
Mons. J. Debrincat
1 – 1 – 11
SHD 100398

# RESPITE CENTRE

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

## IS-SAGRAMENTI F'ĦAJJITNA









Dan huwa l-ħames volum fis-sensiela

**"Għejun ta' Katekesi"**

ippubblikati fl-okkażjoni tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000.

*Il-volumi l-oħra li ġa ħarġu f'din is-sensiela ta' katekesi għal kulħadd, huma:*

1. "Il-Pjan tal-Fidwa fil-Bibbja"
   minn P. Guido Schembri ofm
2. "Il-Ġrajjiet Ewlenin tal-Knisja"
   minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi
3. "Il-Ġublew – x'inhu u għaliex"
   minn Mons. Salv Borg
4. "Il-Quddiesa Mfissra"
   minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi

*Suġġetti oħra li ser jiġu ppubblikati aktar il-quddiem:*

6. "Il-Misteru ta' l-Għid"
   minn Angelo Xuereb
7. "Omm il-Feddej"
   minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi

*Kull volum jinbiegħ Lm1. 50c*







# IS-SAGRAMENTI F'ĦAJJITNA



Katekesi dwar is-Seba' Sagramenti minn P. Guido Schembri ofm

## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu – Il-Kwareżimalist tal-Avvent u tar-Randan fil-Matriċi ta' Għawdex • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista - Il-Ftuħ tar-*Respite Centre* • 12
Riflessjonijiet fuq il-Paċi • 16
"Evanġelizzazzjoni Ġdida fil-Bidu ta' Millennju Ġdid" • 18
Konsagrazzjoni tal-Familji lill-Qlub Imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija • 20
Bookmark • 22
*Ho bisogno di te* - Kunċert Rock ta' Kant Reliġjuż • 23
Min kien Frenċ ta' l-Għarb? • 26
Mill-Knisja fid-Dinja • 27
Il-Ġid Komuni • 28
Drawwiet Missirijietna – Il-Mara fil-Folklor Għawdxi (1) • 30
Wirt Gżiritna – Il-Mużew tal-Arkeoloġija (2) • 34
Is-Seklu ta' l-Anzjani • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 825**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

*Amministrazzjoni:*
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**
**e-mail: lumenchristi@gozodirect.com**
**homepage: http://www.lumenchristi@waldonet.net.mt**

**Abbonament : Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** *Lumen Christi Media Centre*
**Stampata:** *"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex*
*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fl-15 ta' Diċembru 2000.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Il-ftuħ tar-*Respite Centre*
(ara intervista paġna 12).


# EDITORJAL




## NAĦDMU FUQ IL-PJAN PASTORALI

*Fil-bidu tas-sena l-ġdida ma nistgħux ma niftakrux f'tant entitajiet imxerrdin mad-djoċesi tagħna, kollha jippjanaw il-ħidma pastorali tagħhom għal matul ix-xhur li ġejjin. Nimmaġinaw li ħafna uffiċċjali jaħsbu dwar it-temi li fuqhom ser jaħdmu. Nisperaw li kulħadd iżomm quddiem għajnejh il-Pjan Pastorali Kwinkwennali li għandna f'idejna biex fuqu nqassmu u nippjanaw kull ħidma pastorali.*

*Qabel kollox il-Pjan maħruġ għandu jiġi studjat u mifhum sew minn min hu responsabbli li jippjana l-attivitajiet mill-membri kollha. Huwa pjan imqassam tajjeb. Fih erba' taqsimiet prinċipali, li huma: il-familja, it-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, u l-anzjani. Kull sezzjoni tiġi kkunsidrata mill-aspetti ta' katekeżi, tal-liturġija, tad-djakonija jew servizz.*

*L-iskop tal-Pjan huwa li wieħed iżomm ruħu mal-programm djoċesan u jimxi f'armonija mal-ħidmiet ppjanati minn entitajiet oħra, fosthom il-parroċċa. Fl-istess ħin ma ninħlewx fi programmi u attivitajiet diżorganizzati fejn kull għaqda ma tafx l-oħrajn fejn huma jew, kif ġieli jiġri, jitwettqu ħidmiet duplikati jew kontra xulxin. Tkun ħaġa wisq ideali li kieku l-entitajiet tal-ħidma pastorali f'kull parroċċa jitkellmu bejniethom dwar il-programmi pastorali li beħsiebhom iwettqu matul is-sena. Hekk inqas ikollna ħela ta' forzi u iktar inkunu effettivi. Il-kunsilli parrokkjali għandhom janimaw kull ħidma f'dan l-ispirtu.*

*Nawguraw li l-insara tagħna jkunu iktar imħeġġin fil-ħidma pastorali kemm permezz tal-katekeżi, kemm bis-sehem fil-liturġija, kif ukoll fil-ħidma ta' solidarjetà nisranija organizzata matul is-sena li qegħdin nibdew. Niftakru dejjem li fl-għaqda hemm is-saħħa u fid-diversitajiet issib biss ħsara u tiksir.*

> L-Editur flimkien mal-Bord Editorjali jawguraw is-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha ta' din ir-rivista u lill-Għawdxin kollha.




**Attività rikreattiva għat-tfal li jattendu l-Azzjoni Kattolika**



Fl-okkażjoni tal-vaganzi marbuta mal-bidu ta' Novembru, l-Azzjoni Kattolika organizzat attività rikreattiva għat-tfal Għawdxin li jattendu l-Azzjoni Kattolika. Din saret nhar il-Ġimgħa 3 ta' Novembru f'Marsalforn. It-tfal kellhom mumenti ta' talb flimkien, ħadu sehem fil-quddiesa u wara kellhom ħinm ta' logħob u divertiment fuq il-Promenade tal-Qbajjar.

**L-Isqof jiltaqa' mat-tfal ta' Lourdes Home**

Kif hija drawwa fid-Djoċesi ta' Għawdex, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin, nhar il-Ġimgħa 10 ta' Novembru l-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi żar id-Dar ta' Lourdes l-Imġarr u ltaqa' mat-tfal li jgħixu hemmhekk u mas-Sorijiet li jieħdu ħsiebhom. Huwa qassam xi boros b'ħelu u b'oġġetti oħra ta' l-ikel lil kull tifel u tifla li kienu hemm. F'din iż-żjara l-Isqof kien akkumpanjat minn Dun Manwel Curmi, Segretarju Djoċesan għall-Caritas f'Għawdex.

**Żjara fl-iskola tal-Konservatorju**

Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru l-Isqof kien mistieden biex iżur l-iskola tal-Konservatorju, fi Triq Pietru Pace, Victoria. Iż-żjara bdiet b'Konċelebrazzjoni fil-Kappella ta' l-istess Konservatorju li fiha ħadu sehem il-*Headmaster* Mons Carmelo Gauċi u l-ekonomu il-Kan Dun Mikiel Mintoff. Barra mill-istudenti, il-ġenituri tagħhom u l-għalliema, kienu preżenti wkoll it-tfal ta' l-ewwel Tqarbina li jiffrekwentaw din l-iskola. Dawn ġew mogħtija tifkira ta' l-okkażjoni. Wara l-Quddiesa l-Isqof flimkien mal-*Headmaster* żar kull waħda mill-klassijiet ta' l-iskola u tkellem ma' l-istudenti u mal-għalliema. Fl-aħħar żar ukoll l-estensjoni ġdida ta' din l-iskola u ra l-progress fil-bini l-ġdid li qorob biex jitlesta ħalli jkun jista' jilqa l-iskola sekondarja tal-bniet.

**Żjara f'Għawdex tal-Liturġista Patri Silvano Maggioni**

Il-Professur Patri Silvano Maggiani, li huwa espert fil-Liturġija u li jgħallem dan is-suġġett fl-università Pontifiċja Sant'Anselmu f'Ruma, li kien mistieden f'Malta biex imexxi laqgħat ta' l-aġġornament tal-Kleru, żar ukoll Għawdex u ta' konferenza lis-saċerdoti u lis-seminaristi fil-Kappella tas-Seminarju Maġġuri nhar is-17 ta' Novembru fil-5.00pm. Is-suġġett tad-diskors tiegħu kien: "L-Ordo Missae del Messale Romano - 3ª edizione". Kien hemm għad sabiħ ta' saċerdoti li ħadu sehem f'din il-laqgħa. Patri Maggiani huwa wkoll konsultur ta' l-Uffiċċju taċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi tal-Q.T. il-Papa u tal-Uffiċċju Liturġiku Nazzjonali fi ħdan il-Konferenza Episkopali Taljana.

**L-Isqof jiltaqa' maż-żgħażagħ ta' San Lawrenz**

Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru, kif sar f'dan l-aħħar snin, l-Isqof iltaqa maż-żgħażagħ tal-parroċċa ta' San

Lawrenz fiċ-ċentru parrokkjali tar-raħal fl-okkażjoni tal-Ġimgħa taż-żgħażagħ. Huwa wieġeb għad-domandi li għamlulu ż-żgħażagħ stess fuq suġġetti relatati mar-reliġjon u l-ħajja tal-knisja.

**L-istudenti tal-iskejjel sekondarji jiċċelebraw il-festa ta' Kristu Re**

Fl-Isports Complex l-istudenti ta' forms III, IV u V ta' l-iskejjel sekondarji subien u bniet, attendew għal ċelebrazzjoni ta' talb u kant fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Re nhar l-Erbgħa 22 ta' Novembru. Din l-attività kienet organizzata mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ. Matul iċ-ċelebrazzjoni kien hemm mima mill-istudenti bniet ta' l-iskola Agius De Soldanis, messaġġ ta' Fr. Paul Chetcuti S.J., mumenti ta' talb immexxija minn Mons. Isqof, u fl-aħħar ingħatat il-barka Sagramentali.

**Iż-Żgħażagħ Għawdxin jitolbu flimkien**

Fil-25 ta' Novembru Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Knisja tal-Patrijiet Kapuċċini, Victoria, li ġiet organizzata mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Re. Ir-rit tal-bidu tal-quddiesa sar fuq iz-zuntier fejn iż-żgħażagħ għamlu ċ-ċaħda tax-xitan u mxew b'xemgħa mixgħula f'idejhom lejn il-Knisja. Żewġ tfajliet u fra kapuċċin ingħataw il-permess mill-isqof biex jakkumpanjaw ir-rit tat-tqarbin billi jżommu l-pissidi f'idejhom waqt li s-saċerdoti kienu jqarbu liż-żgħażagħa biż-żewġ speċi.

**Il-funzjoni ta' Kristu Re fil-Kumpless Sportiv**

Il-funzjoni ta' Kristu Re nhar il-Ħadd 26 ta' Novembru fil-għaxija bdiet bit-tqegħid tal-kuruni f'isem il-parroċċi f'riġlejn l-istatwa ta' Kristu Re fi Pjazza Indipendenza, Victoria. Il-poplu mexa f'korteo lejn il-Kumpless Sportiv wara s-Salib taż-Żgħażagħ, merfugħ u akkumpanjat minn grupp ta' żgħażagħ li ħadu sehem fil-Ġublew taż-Żgħażagħ f'Ruma. Is-Salib kien akkumpanjat mill-Victoria Scout Group. Il-programm tal-funzjoni ta' Kristu Re fil-Kumpless Sportiv kien jikkonsisti f'kant, mima mtellgħa mill-istudenti ta' l-iskola Agius de Soldanis, qari tal-kelma t'Alla u diskors minn Mons. Isqof. Il-mument ta' l-adorazzjoni ewkaristija, fejn Ġesù Ostja tqiegħed f'nofs is-sala, kien akkumpanjat mit-talb u l-kant. Matul l-adorazzjoni, il-poplu żamm il-ħin kollu xemgħa tixgħel. Kien mument spettakolari u kommoventi fl-istess ħin. Iċ-ċelebrazzjoni ntemmet bil-barka sagramentali. (Id-diskors ta' Mons. Isqof għandu jidher fl-Atti tal-Kurja.)

**Ġublew ta' l-istudenti ta' l-Iskejjel Sekondarji**

Il-Vigarju Ġenerali tad-djoċesi, Mons. Giovanni B. Gauċi mexxa konċelebrazzjonijiet tal-quddies għall-istudenti ta' l-iskola sekondarja tas-subien Ninu Cremona biex dawn jiċċelebraw il-Ġublew tagħhom u jiksbu l-Indulġenza tal-Ġublew. L-ewwel Quddiesa ġiet ċċelebrata fl-1 ta' Diċembru fil-Bażilika ta' San Ġorġ, u għaliha ħadu sehem l-istudenti ta' Forms I, II u III. Quddiesa oħra saret mill-istess Vigarju fil-Katidral ta' Għawdex nhar il-5 ta' Diċembru, u għaliha attentew l-istudenti tal-Forms IV, V. Din l-attività ġiet organizzata mid-Diretturi Spiritwali ta' l-istess skejjel konċernati, Dun Ġorġ Grima u Dun Brian Mejlak.

L-istudenti bniet ta' l-iskola Agius de Soldanis iċċelebraw il-Ġublew tagħhom fis-Santwarju ta' Pinu. Huma nqasmu fi tliet gruppi u mxew f'pellegrinaġġ mill-Għasri sas-Santwarju fejn id-Direttur Spiritwali ta' l-iskola, Dun Anton Refalo, iċċelebra l-quddiesa. Dan ġara fid-29 u fit-30 ta' Novembru, u fl-1 ta' Diċembru.

**Quddiesa b'suffraġju tal-Kardinal Pietro Palazzini**

Dan l-aħħar ġiet imħabbra l-mewt tal-Kardinal Pietro Palazzini. Peress li dan il-Kardinal kien ħa sehem fiċ-ċentinarju tal-1985 li fakkar il-mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa ta' Kerċem, il-parroċċa ta' Kerċem ħasbet li tfakkar dan il-persunaġġ b'Quddiesa ta' Suffraġju għal ruħu. Din il-konċelebrazzjoni saret nhar is-Sibt 2 ta' Diċembru fil-Knisja Parrokkjali u għaliha ħadu sehem is-saċerdoti tal-parroċċa. Matul l-omelija Mons Isqof fakkar fil-ħidma tal-Kardinal Palazzini u fl-imħabba li kellu lejn id-Djoċesi ta' Għawdex.

**Il-ftuħ tar-*Respite Centre* f'Għajnsielem**



Fl-okkażjoni tal-ftuħ tar-*Respite Centre* u tal-Ġublew tal-Persuni b'Diżabilità, Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Knisja tal-Madonna ta' Loretu, f'Għajnsielem nhar il-Ħadd 3 ta' Diċembru. Wara l-Quddiesa sar it-tberik tar-*Respite Centre* minn Mons. Isqof, waqt li l-ftuħ sar mill-*Acting President* tar-Repubblika ta' Malta Dr. George Hyzler M.D.

**jissokta f'paġna 8**

# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

**TFAJLA GĦAWDXIJA TINGĦAŻEL BĦALA *MISS MALTESE NATION***

Sue Ellen Vella, tfajla minn Taċ-Ċawla li tiffrekwenta l-iskola post-sekorja Sir M.A. Refalo, wara li kienet rebħet it-titlu ta' Miss Gozo, dan l-aħħar kisbet suċċess ieħor meta, waqt it-73 konkors tal-Miss Malta, ġurija ta' nazzjonalità barranija għażlitha bħala *Miss Maltese Nation.* Sue Ellen beħsiebha tkompli bl-istudji tagħha fl-università fil-qasam tal-mediċina.

***WORKSHOPS* GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN**

Madwar sitt mitt student mill-iskejjel sekondarji attendew għal *workshops* organizzati mill-Fondazzjoni OASI fiċ-Ċentru għall-NGOs fix-Xewkija. Dawn saru l-Ħamis 9 ta' Novembru. Il-Ministru għal Għawdex għamlet żjara ta' kortesija lill-istudenti.



**ESIBIZZJONI**

Wirja dwar il-kittieb Ingliż Nicholas Monsarrat ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex fl-iskola primarja ta' San Lawrenz, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru. Nicholas Monsarrat qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu sakemm miet fir-raħal ta' San Lawrenz. F'ċerimonja li saret dan l-aħħar, mart il-kittieb, li għada tgħix fir-raħal, irċeviet l-onorifiċenza ta' "Ċittadin Onorarju" ta' San Lawrenz li ngħatat mill-Kunsill Lokali tal-post lil dan il-kittieb.




**NWAR MUŻIKALI**

It-tielet edizzjoni ta' dan il-kunċert inżammet nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru fis-Sala ta' l-Esebizzjonijiet fl-Ministeru għal Għawdex. Kien hemm daqq fuq il-pjanu, bil-klarinett u bil-vjolin. Is-serata tmexxiet mis-Sopran Rosabelle Pavia u kienet organizzata mill-Kunsill Kulturali Għawdxi.

## PREMJU "ĠIEĦ GĦAJNSELMIŻ"

Il-premju ngħata mill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem lil Josephine Xuereb għall-ħidma tagħha b'risq ir-raħal għal dawn l-aħħar 55 sena. Il-programm tas-serata, li nżammet is-Sibt 2 ta' Diċembru, kien jinkludi qari ta' poeżiji u artikli, u kant minn Rosabelle Pavia u Lourdes Buttigieg. Is-sindku tal-post, is-Sur Frans Cauchi, għalaq is-serata b'messaġġ ta' l-okkażjoni.

## PROGRAMM MUŻIKALI

Fl-okkażjoni tal-beatifikazzjoni tal-Papa Piju IX, fundatur tad-Djoċesi ta' Għawdex, l-Għaqda Mużikali tal-Qala *Ite ad Joseph* ppreżentat programm mużikali ta' tifkira. Il-programm sar taħt il-patroċinju ta' l-E.T. Mons. Isqof N. Cauchi. Dun Joe Bezzina għamel diskors ta' l-okkażjoni.

## PREMJU FAVUR L-AMBJENT

Il-Kunsill Lokali tal-Qala ġie fit-tieni post fil-kompetizzjoni *Sebbaħ Pajjiżek 2000*. Dan ingħata fid-dawl tal-ħidma li wettaq il-Kunsill biex isebbaħ il-pjazez tal-lokal flimkien mal-*playingfield*. Il-Ministru Austin Gatt ippreżenta ċertifikat tal-mertu u ċekk ta' Lm200 lis-Sindku Paul Buttigieg. Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ħa t-tieni post fil-kategorija dwar xtut tal-baħar, b'referenza għall-bajja tar-Ramla.

## GWIDA ELETTRONIKA

Fit-tempji tal-Ġgantija ġiet introdotta sistema ta' interpretazzjoni tas-sit u li l-viżitaturi jistgħu



jagħmlu użu minnha waqt iż-żjarat tagħhom fit-tempji. Permezz ta' apparat elettroniku, min iżur il-Ġgantija issa jista' jsegwi spjegazzjoni pass pass ta' għoxrin minuta li tgħinu jifhem aħjar it-tempji. It-test inkiteb mill-Professur Anthony Bonanno. Is-servizz jinsab f'ħames lingwi.

## *NUTCRACKER*

Dan l-ispettaklu tal-*ballet* inżamm fit-teatru Astra s-Sibt 9 ta' Diċembru. L-ispettaklu ġie mtella' minn *Le Ballet Classiqe de Paris*, bis-sehem tas-solisti ta' *Kiev Ballet*. Id-direzzjoni artistika u koreografika kienet f'idejn Jeannete Jacquet.

## PREMJU "ŻAGĦŻUGĦ TAS-SENA"

Il-premju, imniedi mill-Fondazzjoni OASI, din is-sena ntrebaħ minn Chris Galea, żagħżugħ mill-



Fontana, għax-xogħol volontarju li ilu jwettaq b'risq l-anzjani u l-batuti għal dawn l-aħħar disa' snin. Is-serata nżammet fil-lukanda Ta' Ċenċ, nhar is-Sibt 9 ta' Diċembru. Attendew, fost l-oħrajn, l-Ispeaker tal-kamra l-On. Anton Tabone u l-Ministru għal Għawdex.

## PRESEPJU TAL-MILLENNJU

Il-Ħadd 10 ta' Diċembru, fil-Pjazza Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem, is-sindku tal-post, is-Sur



**Fir-ritratt jidhru Marċell Mizzi fil-parti ta' San Ġużepp, Maureen Dimech bħala l-Madonna, u Matthew Ciangura ta' xahrejn bħal Ġesù Bambin.**

Frans Cauchi inawgura presepju ħaj. Dan ix-xogħol hu frott il-ħidma volontarja ta' diversi żgħażagħ Għajnselmiżi, taħt id-direzzjoni ta' Franco Ciangura u Edwin Ciantar.

## TIFKIRA TA' JUM IR-REPUBBLIKA

Fit-13 ta' Diċembru tfakkar is-26 anniversarju minn meta Malta saret Repubblika. Il-Kumitat Festi Nazzjonali u Popolari organizza ċ-Ċerimonja Uffiċċjali, preseduta mill-Ministru għal Għawdex. Iċ-ċerimonja nżammet fi Pjazza Indipendenza.

## KUNĊERT TAL-MILIED

Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra, bil-kollaborazzjoni tal-Kapitlu tal-Bażilka tal-post, ippreżenta kunċert tal-Milied fl-istess bażilka nhar l-20 ta' Diċembru. Il-kunċert sar taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta Dr Guido de Marco. Ħadu sehem diversi solisti, u l-korijiet *Chorus Urbanus* u *Voci Angeliche*, flimkien ma' l-Orkestra Nazzjonali.



**GABRIELLA GRECH mill-Munxar kienet ir-rebbieħa fil-Kategorija A - Żgħar tal-Festival ta' Kant li sar fil-Katidral ta' Għawdex nhar il-31 ta' Ottubru li għadda, fl-okkażjoni tal-50 Sena midd-Domma ta' l-Assunzjoni.**

## IL-ĦAJJA FID-DJOĊESI - jaqbad minn paġna 5

### Ir-Relikwija ta' Piju IX fil-Parroċċi

F'relazzjoni mal-Beatifikazzjoni tal-fundatur tad-Djoċesi l-Papa Piju IX, f'kull parroċċa qed tittieħed ir-relikwija ta' dan il-Beatu. L-ewwel saret quddiesa bl-omelija dwar l-istess Papa, imbagħad sar ukoll il-bews tar-relikwija. S'issa din il-funzjoni saret f'dawn il-parroċċi: il-Kattidral, Kerċem, Sannat, Xewkija, Nadur, Żebbuġ, Għasri, San Ġorġ, Għarb, Fontana, Qala, Għajnsielem u Munxar.

### Ġimgħat taż-Żgħażagħ fil-Parroċċi

Minn tmiem Ottubru sal-bidu ta' Diċembru f'diversi Parroċċi jew Ċentri Parrokkjali ġiet organizzata l-Ġimgħa taż-Żgħażagħ, li hi ġimgħa ta' attivitajiet varji għaż-żgħażagħ organizzata mill-Kumitati taż-Żgħażagħ fil-parroċċi jew fiċ-Ċentri Parrokkjali. Diversi kienu l-Parroċċi li organizzaw din il-Ġimgħa: Munxar (30 ta' Ott-3 ta' Nov); Nadur (5-11 ta' Nov); Xewkija (6-10 ta' Nov); Għajnsielem (13-17 ta' Nov); San Lawrenz (13-19 ta' Nov); Sannat (20-24 ta' Nov); Kerċem (20-24 ta' Nov); Għarb (20-26 ta' Nov); u Xagħra (27 ta' Nov-1 ta' Diċ).

Anke jekk il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ mhix waħda faċli, fejn hemm saċerdoti u gruppi ta' żgħażagħ li għandhom xewqa u ħeġġa li jaħdmu fost iż-żgħażagħ, żgur li l-ġid ma jiġix nieqes.

### Ġublew tas-Saċerdoti f'Għawdex u l-Għoti tal-Ministeru ta' l-Akkolitat



Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew fid-Djoċesi ta' Għawdex, nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru ġie ċċelebrat il-Ġublew tas-Saċerdoti Għawdxin. Numru sabiħ ta' saċerdoti ssieħbu ma' Mons. Isqof f'konċelebrazzjoni solenni li saret fil-Katidral. F'din l-istess ċelebrazzjoni, ingħata l-ministeru ta' l-akkolitat lil żewġ seminaristi Għawdxin, Tonio Galea (mill-Parroċċa ta' San Ġorġ) u Charles Sultana (mill-Parroċċa tax-Xagħra). Wara l-akkolitat, dawn iż-żewġ seminaristi issa jitħejjew biex jirċievu l-Ordni tad-Djakonat.

Arkivju Nazzjonali Għawdex

**Għawdex 300 sena ilu**

**Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 91**

Riċerka ta' **Joseph Bezzina** ©2001

*• Għall-għaxar sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta'* Il-Ħajja f'Għawdex *ir-rubrika dwar Għawdex fil-qedem. Tul l-ewwel tmien snin ġibna dokumenti ta' 400 sena ilu, is-sena l-oħra ġibna dokumenti ta' 300 sena ilu u se nkomplu b'dawn din is-sena. Id-dokumenti huma bħas-snin ta' qabel meħudin mill-Acta ta' l-Universitas, il-Gvern Amministrattiv ta' Għawdex ta' żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann.*

*• Hu ttamat li 'l quddiem dawn il-paġni jkunu stampati fi ktieb.*

# *IL-KWAREŻIMALIST TAL-AVVENT U TAR-RANDAN FIL-MATRIĊI TA' GHAWDEX*

Il-wieħed u disgħin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu kopja ta' rikors mibgħut lill-Granmastru ħalli jaħtar il-kwareżimalist tal-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1700-1701), folju 43r (NAG, UG, *Acta*, 9/1700–1701, f. 43).

Il-Knisja Matriċi ta' Għawdex, isimha magħha, kienet il-knisja ewlenija tal-gżira. Ta' kull sena għall-Ħdud ta' l-Avvent u tar-Randan kien jinġieb predikatur magħruf biex f'dawn iż-żminijiet qaddisa jagħmel serje ta' priedki lill-poplu biex iqanqalhom għall-indiema u għall-bidla fil-ħajja tagħhom. Dan il-predikatur jissejjaħ kwareżimalist minn *quaresima*, randan bit-Taljan. Parti mill-ħlas tal-kwareżimalist kienet toħorġu l-Knisja Matriċi u parti oħra l-Universitas. Minħabba din l-għotja konsiderevoli tal-Gvern, il-Granmastru ta' Malta kellu d-dritt tal-konferma tal-kwareżimalist.

Dan id-dokument jikkonsisti preċiżament fir-rikors magħmul minn Patri Majjistru Fra Tomaso Saliba, Karmelitan, lill-Granmastru Ramon Perellos, ħalli jaħtru kwareżimalist għall-Avvent 1700 u r-Randan 1701, tliet mit sena ilu. Ir-rikors mhux datat.

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument:

**Il Padre Maestro Fra Tomaso Saliba, dell'Ordine del Carmine di questa Città Valletta, humilissimo servo e vassallo di V.A.S., riverentemente l'espone qualmomente desidererà esser aggratiato dall'innata bontà di V.A.S. d'esser costituito Predicatore per la Collegiata dell'Isola del Gozzo per l'Avvento del presente anno 1700 e per la Quadragesima dell'anno futuro 1701. Perciò, esso Oratore, ricorre da V.A.S. humilmente supplicandola degnarsi far metter in esecutione detto suo desiderio con ordinare sii ricevuto per tale e che gli si corrisponda della solit'elemosina, accio il medesimo possi dar principio ad inservir ne cuori di quei popoli la parola di Dio.**

**Che della gratia, resterà obbligatissimo. Quam Deus.**



L-għażla tal-kwareżimalist kienet issir mill-Arċipriet tal-Knisja Matriċi b'konsultazzjoni mal-kapitlu ta' l-istess Kolleġġjata. Ta' min iżid li l-membri tal-Kapitlu kienu joqogħdu jisimgħu l-priedki tal-kwareżimalist bil-qegħda fuq bankijiet li kienu jintramaw apposta fuq il-presbiterju tal-Matriċi. Tliet mit sena ilu, l-Arċipriet tal-Matriċi, Dun Nikol Natal Cassia Magri, avviċina lill-Patri Majjistru Fra Tomaso Saliba ħalli jiġi jippriedka l-Avvent u r-Randan. Dan aċċetta u għalhekk kiteb u bagħat ir-rikors li qegħdin nirproduċu lill-Granmastru għall-konferma tal-għażla.

Minn ħlasijiet li saru iktar tard fl-1701, nafu li l-Granmastru Ramon Perellos laqa' t-talba tal-Patri Majjistru u ikkonfermah kwareżimalist kif kien talab.




## IL-FTUĦ TAR- "RESPITE CENTRE"

Bqajt skantat meta għall-ftuħ tar-*Respite Centre* li sar fit-3 ta' Diċembru li għadda ma rajt ebda ministru "Malti" tal-Gvern, għajr il-Ministru għal Għawdex u l-Ispeaker tal-Parlament, li t-tnejn huma Għawdxin. Ara meta nfetħet il-*Millennium Chapel* f'Paceville (prosit tassew lil Fr. Hilary Tagliaferro O.S.A. u sħabu), kien hemm faxx sħiħ ta' ministri. Possibbli li l-ftuħ uffiċċjali ta' opra hekk kbira mhux biss għal Għawdex iżda għal pajjiżna ma qanqlet l-interess ta' ħadd fost il-membri tal-Gvern? Imma forsi nzerta li kollha kellhom appuntamenti oħra aktar importanti, jew forsi l-organizzaturi nsew jibagħtu l-inviti f'ħinhom. Kollox jista' jkun. Wara kollox dawn l-affarijiet jiġru f'Għawdex biss.

## GWARDJANI TAT-TRAFFIKU?

Ninnutaw b'sodisfazzjoni li minn meta bdew jaħdmu l-Gwardjani Lokali bdiet tidher aktar dixxiplina fit-toroq tagħna. Nittamaw li dan l-isforz ma jkunx biss frott il-biża' tal-multi, iżda jsir edukazzjoni tal-poplu tagħna. F'xi postijiet innutajna li l-Gwardjani Lokali ġew imqabbda mill-Kunsilli Lokali biex jgħinu lit-tfal jaqsmu t-triq f'postijiet fejn jinġabru ħafna tfal f'post wieħed. Xogħol siewi li qed jiffrankawh lill-pulizija, biex din ta' l-aħħar tikkonċentra ruħha aktar fuq servizzi oħra.

Ta' min jissuġġerixxi l-possibiltà li, almenu fil-lokalità tal-Belt Victoria, ikun hemm aktar Gwardjani jew forsi jitwaqqfu xi Gwardjani ġodda li xogħolhom ikun li jidderieġu t-traffiku f'ċerti postijiet li saru wisq traffikużi u fejn spiss jinħolqu kjuwijiet twal ta' karozzi. Jekk dan ix-xogħol jistgħu jagħmluh il-pulizija, allura problema inqas, imma, ħlief f'xi okkażjoni, rari tara pulizija jidderieġi t-traffiku. Ma naħsibx li l-pulizija jew il-gwardjani għandna nħarsu lejhom biss bħala dawk li jagħtu l-multi. Preżenza kontinwa ta' pulizija jew gwardjan fit-toroq tagħna li jidderieġu t-traffiku żgur li tgħin biex jikber ir-rispett lejn il-ħidma siewja li jwettqu dawn il-persuni.

## BARRIERI ARKITETTONIĊI

Biex persuni fuq *wheelchair* ikollhom aċċess għall-postijiet pubbliċi, f'ħafna bnadi saru rampi apposti mal-bankini u mal-bibien biex jiffaċilitaw il-passaġġ lil dawn il-persuni. Post partikulari li spiss hu wżat minn persuni bi bżonnijiet speċjali u minn persuni anzjani hu l-klinika fir-Rabat, quddiem is-Seminarju. M'ilux kont għaddej minn hemm u nnutajt fatt. Persuna takkumpanja pazjent fuq *wheelchair* ma setgħetx tidħol fil-klinika għax ir-rampa, li suppost saret għal dawn il-ħtiġijiet, kienet imblukkata b'karozza pparkjata fuqha. Jumejn wara nnutajt persuna oħra b'diżabilità fiżika li biex tidħol fl-uffiċċji tal-Gvern fl-isptar il-qadim kellha tipparkja l-karozza fuq iż-*zebra crossing* għax Pjazza San Franġisk kienet imburġata bil-karozzi. Veru li n-nies "normali" suppost tuża moħħha u tirrispetta lill-oħrajn, imma n-nies "normali" spiss taħseb fl-interessi tagħha biss. Ikun wisq aħjar li fi Pjazza San Franġisk (u f'postijiet oħra simili) ikun hemm aktar postijiet tal-parking riservati għal persuni b'diżabilità. X'jiswa li dawn ikollhom il-parking riservat għalihom ħdejn il-*bus terminus*, jekk imbagħad ma jistgħux jaslu fil-postijiet li għandhom bżonn? Nagħtu privileġġ lil min għandu dritt għalih u ndarru n-nies jimxu ftit minuti.

## IL-QASAM INDUSTRIJALI TAX-XEWKIJA

Kull Għawdxi jifhem l-importanza kbira li għandu dan il-qasam fil-ħajja ta' tant Għawdxin. Il-kura tiegħu u l-għajnuna biex dan il-qasam jikber għandha tkun prijorità tal-Gvern. Ħaġa li nnutajna dan l-aħħar hi ċerta arja ta' abbandun fl-ambjent ċirkostanti. Veru li l-post tax-xogħol u l-ambjent intern tal-fabbriki hu ferm aktar essenzjali, imma jidhrilna li ftit aktar indafa u *upgrading* tal-post ma jagħmilx ħażin.

## IL-VOTI TAL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX: L-EDUKAZZJONI

Nieħdu gost ninnutaw li dan l-aħħar sar investiment qawwi bil-bini ta' laboratorji ġodda fl-unika skola post-sekondarja f'Għawdex, Sir Mikiel Anġ Refalo, fejn hemm miġbura aktar minn 600 żagħżugħ Għawdxi. Sewwa li investiment simili jsir fl-iskejjel sekondarji wkoll, speċjalment fl-iskola Agius de Soldanis, għax mill-informazzjoni li waslitilna hemm xi lezzjonijiet li jsiru f'wieħed mill-kuriduri. Barra minn hekk, din l-iskola teħtieġ tibjida minn fuq s'isfel, għax ċerti ħitan jindikaw kollox ħlief ambjent ta' skola. Fl-iskola tas-subien forsi aħjar isir investiment fid-dixxiplina, għax diversi għalliema qed jilmentaw li diversi studenti saru

bla kontroll.

## IL-VOTI TAL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX: IS-SAĦĦA

Dwar dan il-qasam m'għandniex ħlief kliem ta' tifħir. Tkellimna drabi oħra fuq l-investiment li dan il-Gvern qed jagħmel minn żmien għal żmien biex itejjeb u jżid is-servizzi sanitarji fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Forsi hemm bżonn isir aktar kontroll fuq it-tqassim ta' mediċini b'xejn, għax hemm min qed jabbuża. Anqas għadu ma sar biżżejjed biex tiġi solvuta l-problema tad-dħaħen taċ-ċumnija ta' l-isptar. Residenti fil-viċin mhux darba jew tnejn ressqu *complaints* dwarha.

## IL-VOTI TAL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX: L-AMBJENT

Il-Ministru għal Għawdex qalet li nħatru tliet kumitati biex jippromwovu t-titjib u l-ħarsien ta' l-ambjent f'Għawdex. Issa dawn jew inħatru wara li faqqgħet il-problema ta' l-iskart tad-Dwejra, jew sa dik il-ġurnata ma kienu qed jagħmlu xejn. Xogħolhom suppost hu ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni ta' l-ambjent, u mhux li jnaddfu dak li ħaddieħor ilu jħammeġ għal ma nafx kemm. Mhux darba u tnejn saru rapport ta' rimi ta' skart u radam illegali, mhux biss minna iżda wkoll minn Kunsilli Lokali. Sfortunatament, il-burokrazija spiss imxiet ħafna bil-mod. Dwar il-miżbla tal-Qortin, nixtiequ nkunu nafu aktar fil-konkret liema huma dawn il-"proposti konkreti" li qed jitressqu biex tiġi solvuta l-problema tal-miżbla.

## IL-VOTI TAL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX: IĊ-ĊENTRU KOMUNALI FIR-RABAT

Nawguraw li dan il-proġett jimxi bi studju serju iżda mingħajr telqa. Ktibna fl-aħħar ħarġa li r-Rabat, u Għawdex in ġenerali, għandhom potenzjal turistiku kbir. Nittamaw li f'xi mument tal-konsultazzjonijiet, il-partijiet konċernati jfissru lill-pubbliku ġenerali x'qed jiġri wara l-kwinti, u jisimgħu ftit l-opinjonijiet ta' Ċikku l-Poplu.

## IL-VOTI TAL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX: GĦAWDEX U L-UE

Jien wieħed minn dawk li għadni ma fhimtx b'mod konkret x'ifisser għal Għawdex id-dħul eventwali ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja, anke jekk qed nipprova nsegwi xi ftit id-dibattitu li hawn bħalissa f'pajjiżna. L-avukat Anton Refalo (MLP) kkummenta li diversi fabbriki f'Għawdex, sors importanti ta' għajxien għal ħafna Għawdxin, ser jintlaqtu ħażin. Forsi jkun sewwa li l-politiċi jagħtuna ftit aktar dettalji ta' dan. L-istess informazzjoni nistennewha miċ-Ċentru ta' Informazzjoni għas-sħubija ta' Malta fl-UE (MIC) u mill-fabbriki interessati. Ħadd daqshom m'għandu interess fi kwistjoni bħal din.

## IL-VOTI TAL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX: DEFORESTAZZJONI

Dwar din il-problema tkellem il-perit Carmelo Borg (MLP). Hu qal li fil-budget ma ssemma xejn dwar din il-problema u problemi oħra. Ma nafx kienx qed jirreferi għad-deforestazzjoni fuq livell nazzjonali jew għal Għawdex. Personalment ma nafx kemm hi kbira l-problema tad-deforestazzjoni f'pajjiżna, imma nixtieq li jkun hemm proġetti li jallokaw partijiet minn gżiritna biex jitħawlu s-siġar. Barra li jsebbħu l-ambjent, jistgħu jsiru post ta' mistrieħ u ta' divertiment għall-familja. F'xi okkażjonijiet speċjali tisma' li t-tali ministru ħawwel siġra b'tifkira ta' xi ħaġa; kellhom bżonn iħawlu mhux siġra waħda imma bosk sħiħ! Dan żgur li jgħin ukoll biex ikompli jisbieħ l-ambjent Għawdxi, li, kif qal Victor Galea Pace (PN), hu hekk importanti għall-iżvilupp tas-settur turistiku.

## IL-VOTI TAL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX: IŻ-ŻGĦAŻAGĦ GRADWATI U L-FUTUR EKONOMIKU TA' GĦAWDEX

Frederick Azzopardi (PN) semma suġġett interessanti ħafna: il-bidla li qed jgħaddi minnha u ser jgħaddi minnha Għawdex bil-preżenza ta' tant żgħażagħ gradwati. Sewwa li jsir studju dwar l-impatt ta' numru dejjem jikber ta' gradwati f'Għawdex; liema possibiltajiet ta' xogħol f'Għawdex stess ser ikollhom dawn iż-żgħażagħ; il-possibiltà ta' ħolqien ta' inizjattivi ġodda fil-qasam tax-xogħol; liema linji ġodda ta' speċjalizzazzjoni jeħtieġ Għawdex biex l-istudenti Għawdxin jiġu indirizzati fihom; eċċ. Jidhrilna li fil-livell ta' studju u proġettazzjoni ta' din il-kwalità għadna ftit lura.

## IL-VOTI TAL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX: PROBLEMA TA' *LEADERSHIP* F'GĦAWDEX?

Skond Dr Alfred Sant, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, il-potenzjal ta' Għawdex mhux qed jiġi sfruttat minħabba nuqqas ta' tmexxija politika f'Għawdex. Ma nidħolx fil-merti tal-ħiliet jew in-nuqqasijiet personali tal-Ministru għal Għawdex, għax dak mhux kompitu tiegħi. Jidhirli biss li Għawdex ingħata l-importanza politika tiegħu u mexa 'l quddiem meta kellu ministru Għawdxi responsabbli mit-tmexxija tiegħu. Fi żmien l-amministrazzjoni laburista, għal raġuni jew oħra, spiċċajna mingħajr ministru u b'ħafna paroli ta' proġett reġjonali għal Għawdex. Xtaqt kieku li Dr Sant sab aktar x'jikkummenta fuq Għawdex. Li nixtieq nara iżjed hu li d-deputati l-oħra Għawdxin, kemm tal-Gvern kif ukoll ta' l-Oppożizzjoni, isemmgħu leħinhom aktar ta' spiss fuq Għawdex, mhux biss fil-Parlament imma wkoll fil-gazzetti. Jekk ma jistinkawx huma għalina l-Għawdxin, min ser jaħseb fina?

(P.S. Il-kummenti dwar il-budget saru fuq kif ġie rraportat irrapurtat fil-gazzetti "In-Nazzjon Tagħna" u "l-Orizzont".)

L-INTERVISTA

# Il-Ftuħ tar-Respite Centre

DUN EDDIE ZAMMIT JINTERVISTA LIL DUN MANWEL CURMI, *CHAIRMAN* TAL-FONDAZZJONI "ARKA" LI HIJA RESPONSABBLI MIT-TMEXXIJA TAR-*RESPITE CENTRE* LI NFETAĦ FIT-3 TA' DIĊEMBRU LI GĦADDA.

**1. X'ħidma wettqet il-Caritas Għawxija bit-twaqqif ta' l-Għaqda Għawdxija persuni b'dizabilità matul is-snin?**

*Il-Caritas t'Għawdex ilha taħdem fid-djoċesi għal aktar minn tletin sena. Fost il-ħidmiet li għandha fi ħdanha hemm dik ta'* ***l-Għaqda Għawdxija Persuni b'Diżabilità****. Hi għaqda magħmula minn grupp ta' voluntiera li nteressaw ruħhom fil-problemi tal-persuni b'diżabilità, li matul dawn it-tletin sena ħadmet bla waqfien biex toħroġ u tferraħ lil dawn ħutna u anke sserraħ lill-ġenituri tagħhom. Issa l-Għaqda waqqfet fondazzjoni li tissejjaħ "****Fondazzjoni Arka.****"*



*Il-bidu ta' l-Għaqda kien diffiċli ħafna, għaliex tletin sena ilu madwar tmenin fil-mija tal-persuni b'diżabilità f'Għawdex kienu moħbija u għalhekk ma kinitx ħaġa faċli li tibdel il-mentalità ta' xi wħud mill-ġenituri minħabba ċ-ċirkustanzi u ż-żminijiet.*

**2. X'kienu il-ħidmiet ewlienin ta' din l-Għaqda? Liema proġetti irnexxielha twettaq matul dawn l-aħħar snin?**

*L-ewwel ħidmiet ta' l-Għaqda kienu: (a) li tikkonvinċi lil dawk kollha li kellhom persuni b'diżabilità biex joħorġuhom minn darhom; (b) li l-Għaqda jkollha vannijiet bil-lift minħabba l-persuni bil-*wheelchairs*, u anke bien innaqsu t-tbatija tal-voluntiera; (ċ) li l-Għaqda takkwista post mingħajr turġien u tattrezzah biex dawn ħutna jkollhom post deċenti fejn jiltaqgħu u jaqsmu l-ferħ u n-niket ta' xulxin; (d) li nħarrġu u ngħallmu 'l-voluntiera kif iġibu ruħhom u kif jgħinu lill-persuni b'diżabilità; (e) li kull ħmistax-il ġurnata, b'xi mod jew ieħor, noħorġu lil dawn ħutna minn djarhom u neħduhom f'diversi postijiet biex b'hekk iħossuhom aktar bħala parti ntegrali tas-soċjetà.*

**3. X'sehem kellhom il-volontarji ta' l-Ghaqda? X'sehem taw il-parroċċi u l-komunitajiet agħna?**

*Kieku ma kienux il-voluntiera li offrew minn qalbhom kull ħidma, kull sagrifiċċju u kull ħin, żgur li dan l-appostolat ma' dawn ħutna spiċċa snin ilu. Kienu l-voluntiera li ħadmu biex nieħdu bla ebda ħlas lil ħutna b'diżabilità għal tlett'ijiem ġewwa Lourdes.*

*Kienu l-voluntiera li għamlu diversi attivitajiet ta'* fund raising *biex tul is-sena nħallsu l-ispejjeż ta' l-erba' vannijiet li għandha l-Għaqda u kontijiet oħra ta' matul is-sena.*



*Kienu l-voluntiera, flimkien mal-kumitat, li organizzaw diversi ħarġiet kulturali f'Malta u f'Għawdex, speċjalment ħarġiet għall-baħar fiż-żmien tas-Sajf. Ta min issemmi li l-persuni b'diżabiltà qatt ma ħallsu għal dawn l-attivitajiet.*

*Kienu u għadhom il-voluntiera li jieħdu lil dawn ħutna fil-parroċċi kull ħmistax għall-quddiesa tal-Ħadd u hemm il-komunità parrokjali jew iż-żgħażagħ tal-parroċċa jorganizzawlhom* get-to-gether *u* party, *kif ukoll logħob ta' ferħ.*

*Nixtieq nieħu l-okkażjoni biex ngħid grazzi minn qalbi kemm lill-voluntiera kif ukoll lill-kappillani u lill-komunitajiet parrokkjali ta' l-għajnuna u l-interess li juruna.*

**4. 4. Kif nibtet l-idea tar-*Respite Centre*? Għaliex taħsbu li hawn tant ħtieġa għalih?**

*Fil-laqgħat li kienu jsiru, kemm tal-Kumitat kif ukoll tas-*Support Group *għall-ġenituri, ta' spiss kien jissemma' li xi ġenituri tal-persuni b'diżabilità jeħtieġu mistrieħ u għajnuna. Ġie wkoll innutat li xi ġenituri qed jieħdu lil uliedhom Dar il-Kaptan li hi* respite centre *f'Malta. Dawn kienu moqdija sewwa f'dan il-post, iżda kien hemm il-baħar jaqsam u għalhekk wara ħafna ħsieb u pariri, iddeċidejna li nibnu* Respite Centre *fil-gżira tagħna Għawdxija u nibnuh skond l-eżiġenzi ta' żmienna. Il-ħtieġa ta' dan il-proġett għad tinħass aktar 'il quddiem.*

**5. Kif irnexxielkom takkwistaw l-art u ssibu il-mezzi finanzjari? Kemm sewa dan il-proġett? Kif ġie iffinanzjat dan il-proġett kbir?**

*Xi ġenituri kienu avviċinaw lil Mons. Isqof u talbuh bien jgħinhom għal dan il-proġett. Hu qalilhom espressament li jaqbel ma' l-idea, u kellem lili bħala saċerdot inkarigat mill-appostolat f'dan il-qasam biex b'xi mod nibda nippjana u nieħu l-proċeduri kollha biex jibda x-xogħol bla dewmien. L-art, li hi propjetà tal-Knisja, hi spazjuża, u skond il-perit tiswa aktar minn Lm300,000. Il-Knisja offrietha bħala rigal lil dawn ħutna.*

*Il-proġett issa hu lest. Bħala bini u attrezzament, dan il-proġett ġie jiswa aktar minn Lm250,000, u s-somma ma ntelgħetx iżjed grazzi għall-ħafna xogħol li sar minn voluntiera. Ma' dawn inżidu l-ħafna qlub ġeneruża ta' tant benefatturi. Għall-bidu ta' dan il-proġett, l-Għaqda kellha biss Lm45,000, mentri sa llum diġà tħallsu Lm195,000. Jekk xi ħadd jistaqsini minn fejn ġew dawn il-flus kollha, jiena ngħidlu: "Staqsi lill-Providenza t'Alla." Iva, baqgħalna eluf ta' liri dejn, iżda l-uġigħ ta' ras għall-Fondazzjoni mhux id-dejn, iżda t-tmexxija tar-*Respite Centre *matul is-snin.*



**6. Tista tagħtina ħjiel kif inhu imqassam dan kumpless?**

***Dar l-Arka**, kif hu msemmi r-*Respite Centre, *hi mqassma hekk: il-pjan t'isfel fih* workshop *kbir li se jsir* conference room, *żewġ* pools *għat-terapija,* gym *u 'l quddiem se jkun fih sauna.*

*Is-sular ta' fuqu fih seba' kmamar bil-kamra tal-banju magħhom. Fil-post hemm ukoll żewġ banjijiet, li swew Lm 3,400-il wieħed, għal persuni bi bżonnijiet speċjali.*

*Fid-dar kollha kemm l-arja kondizzjonata kif ukoll sistema ta'* central heating. *Hemm ukoll kċina u refettorju, sala tat-terapija u sala għall-attivitajiet.*

*Għandu wkoll miegħu ġnien kbir għar-rikreazzjoni għat-tfal b'diżabilità, kif ukoll* playing area *u* parking.

**7. Kif ser jitmexxa dan iċ-ċentru? Min ser ikun responsabbli mit-tmexxija tiegħu?**

Ir-responsibiltà tat-tmexxija taċ-ċentru se tkun f'idejn *manager* ta' esperjenza, mgħejjun minn bord maħtur apposta li jinkludi fih ir-rappreżentant ta' l-isqof, tabib, avukat, *accountant*, missier ta' persuna b'diżabilità u persuni oħra nteressati fil-persuni b'diżabilità.

**Dar l-Arka** m'hux se tkun immexxija minn voluntiera iżda minn nies professjonali u ***care workers*** mħarrġa.





**8. X'inhuma l-ħtiġijiet l-aktar urġenti għat-tmexxija ta' dan iċ-ċentru?**

*Hawn jiġini f'moħħi dak li tgħid waħda qaddisa li kellha sens prattiku kbir fil-ħajja: "Jien waħdi ma jien kapaċi nagħmel xejn; jien u Alla, nasal bien nagħmel xi ħaġa; jien, Alla u l-mezzi finanzjarji kapaċi nasal għal kollox."*

*Għandi fiduċja kbira li bil-koperazzjoni u l-ġenerożità ta' tant benefatturi Għawdxin, Maltin u emigranti, naslu bien nagħtu servizz mill-aħjar lil dawn ħutna fil-bżonn kif ukoll lill-familji tagħhom.*



**9. Min huma dawk il-kategoriji li jistgħu jagħmlu użu l-iktar minn dan iċ-ċentru?**

*Minn dan iċ-ċentru jistgħu jibbenefikaw dawk kollha, Għawdxin u anke Maltin, li jbatu minn xi forma ta' diżabilità, kemm fiżika kif ukoll mentali. B'hekk, għandna f'moħħna li nkunu wkoll ta' għajnuna għall-familji ta' dawn il-persuni.*



**10. Fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' dan iċ-centru x'messaġġ tixtieq twassal lil qarrejja tagħna?**

*Issa, li wara tant sagrifiċċji u taħbit irnexxilna nattrezzaw u nifthu ċ-ċentru uffiċjalment, inħoss li għad fadal ħafna xi jsir. Rigward it-tmexxija, hu meħtieġ il-kontribut responsabbli min-naħa ta' l-Istat għax ħutna b'diżabilità huma ċittadini daqs kulħadd, il-koperazzjoni tal-ġenituri u s-sehem tal-voluntiera u tal-benefatturi.*

*Flimkien ma' dawn, nittamaw fuq kollox fit-talb u fil-providenza t'Alla, li l-effetti tagħhom verament immissuhom b'idejna.*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

*EHILSU MILL-QILLA TAX-XEMX*
*U SEBBĦU T-TWIEQI TAGĦKOM*

**GOZO VERTICALS, BLINDS & SHADES LTD.**

*ta' TONY CAMILLERI*

*FEJN ISSIBU VARJETÀ KBIRA TA'*
**BLINDS U SHADES TA'**
**MATERJAL, ALUMINIUM U PLASTIC**

*PREZZIJIET RAĠJONEVOLI*

*Għal aktar tagħrif*
*Ċemplu* 553352, 562211 Fax 562211 Mobile 099 5001.
*jew irrikorru* N.B. Cocco Palmeri Street, Nadur, Għawdex.

**All that you and your baby need is now available under one roof in Gozo!**



- Swings
- Baby Toys
- Baby Clothes
- Bedding
- Maxi Cosi
- Carrycots
- Baby bags
- Parasols
- Canopies
- Potties
- Prams
- Puschairs
- Walkers
- Cots
- Carseats
- Maternity clothes & underwear




The Toy Shop

little people

The Baby Shop

**Fortunato Mizzi Street Victoria Tel: 552913**

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

# *Inġibu 'l quddiem* il-Kultura tal-Paċi






*Riflessjonijiet meħuda minn diskors ta'*
*l-Arċisqof Renato R. Martino*
*Rappreżentant tas-Santa Sede fil-Ġnus Magħquda*
*2 ta' Novembru 2000*
*Osservatore Romano - 15.11.2000*

1. ***Il-kultura tal-paċi ...***
l-ewwel ħaġa meħtieġa għal din il-kultura hija *konvinzjoni* li l-gwerra mhix aktar il-mezz biex insolvu l-konflitti

2. ***Il-kultura tal-Paċi ...***
...trid tkun Kultura ta' għarfien u ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem

3. ***Il-kultura tal-Paċi ...***
...għandha tkun mibnija fuq il-verità u fuq il-ġustizzja

4. ***Il-kultura tal-Paċi ...***
...għandha tirrispetta id-Drittijiet tan-Nazzjonijiet
*Id-djalogu u l-id tal-ħbiberija għandhom ikunu t-triq biex negħlbu u nevitaw l-konflitti*

5. ***Il-kultura tal-Paċi ...***
...għandha twarrab il-loġika ta' l-armi u t-tixrid ta' l-armi fl-idejn
*Il-paċi ma tinkisibx bil-kanuni iżda bir-raġuni.*



*L-armi fl-idejn huma tentazzjoni biex jipprovokaw il-konflitti.*

*6. **Il-kultura tal-Paċi** ...*

...għandha tikkonċentra fuq iż-żgħażagħ u speċjalment fuq it-tfal

*It-tfal huma l-ewwel vittmi tal-gwerer. Il-konflitti jheddu l-futur tagħhom.*

*Għandha tispiċċa darba għal dejjem il-pjaga tat-tfal suldati.*

*7. **Il-kultura tal-Paċi** ...*

...trid tibda fil-qlub tal-bnedmin

*Il-vjolenza trid titwarrab minn kull aspett tal-ħajja.*

*Minflok il-kultura tal-ġliedu l-gwerer, indaħħlu il-kultura tan-non-vjolenza*



# Din il-kultura tal-Paċi

- *titlob bidla fil-qalb*
- *trid tibda minn ġod-dar u ġol-familja*
- *tkun imsejsa fuq ir-rispett lejn kull persuna u komunità.*

*Nisimgħu l-appell li kien għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-okkażjoni tal-50 Sena tal-Ġnus Magħquda*

***Bl-għajnuna ta' Alla, aħna nistgħu nibnu fis-seklu u fil-millennju li ġej ċiviltà li tixraq lill-bniedem...***



# "EVANĠELIZZAZZJONI ĠDIDA FIL-BIDU TA' MILLENNJU ĠDID"

## Ktieb ieħor bħal ħafna li jiġu ppubblikati kull sena?

jikteb
Dun Michael Galea




*"Evanġelizzazzjoni Ġdida fil-Bidu ta' Millennju Ġdid"* huwa l-isem ta' ktejjeb b'mija u ħmistax-il paġna li għadha kemm lestiet u ppubblikat is-sezzjoni pastorali tal-Kurja Djoċesana t'Għawdex. "Evanġelizzazzjoni Ġdida fil-Bidu ta' Millennju Ġdid" mhuwiex ktieb ieħor bħall-ħafna li jiġu ppubblikati kull sena. Huwa ktieb b' differenza għax b'mod organiku u b'lingwaġġ li jiftiehem jippreżenta l-objettivi pastorali li rridu nilħqu fid-djoċesi tagħna matul il-ħames snin li ġejjin; fl-istess ħin, isemmi mezzi konkreti u prattiċi li bihom nistgħu naslu għal dawn l-objettivi. Huwa l-Pjan Pastorali Kwinkwennali tad-Djoċesi tagħna għas-snin 2001 - 2005.

Illum kulħadd jifhem u jammetti l-importanza tal-pjanifikazzjoni. Fil-fatt, gvern ċentrali, kunsilli lokali, aġenziji, kumpaniji, nies tal-*business*... ilkoll lesti "jaħlu" l-ħin u jużaw riżorsi biex b'ħafna għaqal jippjanaw il-ħidmiet tagħhom. Għax pjanifikazzjoni tfisser:

* **dinamiċità**: min jippjana għal quddiem għadu ma staġnax, ma jħossux marbut bil-fors ma' dak ta' l-imgħoddi, imma lest jesperimenta u jipprova l-ġdid, sintendi mingħajr ma jarmi dak li qabel kien tajjeb u li jista' jkun għadu validu anki llum;

* **viżjoni u direzzjoni:** min jippjana, għax jaf fejn irid jasal u jaf x' mezzi se juża, jevita l-iżball ta' dak li jitħarrek u jiċċaqlaq bla ma jimxi;

* **iktar effiċjenza**: min jippjana għandu iżjed possibilità li jkun produttiv u effiċjenti;

* **iktar possibiltà ta' verifika**: f'mumenti opportuni, min jippjana jista' jieqaf ftit u jara fejn wasal u ma wasalx, fejn mar tajjeb u fejn mar ħażin, x' jista' jagħmel aħjar.

Nifhem li l-Knisja f'Għawdex għalhekk ħasbet għal dan il-pjan pastorali, proprju għax tixtieq tkun dinamika, ikollha direzzjoni, tkun iktar effiċjenti u jkollha possibiltà li kultant u tant tivverifika l-ħidmiet tagħha. Verament, dan mhux l-ewwel pjan pastorali tal-Knisja f'Għawdex. Sa fejn niftakar jien, kien ħareġ wieħed fl-1989 bl-isem "Nikbru fil-Maturità Nisranija", u ieħor fl-1995 bl-isem "Fil-Knisja u mal-Knisja lejn it-Tielet Millennju."

Ta' min jgħid xi ħaġa żgħira fuq il-kontenut ta' dan il-pjan pastorali. Fl-introduzzjoni ta' dan il-pjan pastorali nsibu dan li ġej: *"Bil-katekeżi, bil-liturġija u bid-djakonija, il-Knisja f' Għawdex tixtieq tkompli twassal il-valuri dejjem ġodda tal-Vanġelu, jekk jista' jkun fir-realtajiet kollha tal-*

*Gżira Għawdxija." (n. 6)* Sentenza qasira, però tiġbor fiha dak li għandha tagħmel kull komunità nisranija biex tħossha knisja u tkun verament knisja, jiġifieri:

1) *ixxandar il-kelma t' Alla,*
2) *tiċċelebra l-liturġija u*
3) *tagħmel promozzjoni umana jew djakonija.*

Dawn it-tliet ħidmiet kbar, li suppost huma evidenti u jinħassu f'kull komunità ekkleżjali (djoċesi, parroċċa, żona pastorali, grupp ekkleżjali), il-pjan pastorali jsejħilhom "it-tliet dimensjonijiet pastorali tal-komunità nisranija": huma tliet ministeri marbutin flimkien u jeżiġu ħafna lil xulxin. Il-pjan pastorali djoċesan iqishom bħala l-pedament ta' kull pastorali organika u unitarja; fl-istess ħin jadottahom bħala sodda jew struttura għal dak li jipproponi konkretament iktar 'il quddiem.

Wara dan, il-pjan pastorali kwinkwennali 2001-2005 jagħżel il-prijoritajiet tiegħu u jikkonċentra fuq erba' setturi:

1) **il-familja**, li f'Għawdex qegħda tiffaċċja sfidi ġodda. Aspetti pożittivi u aspetti negattivi jinsabu minsuġa ħaġa waħda fil-maġġoranza tal-familji tagħna. Għaldaqstant, il-Knisja f' Għawdex tħoss il-bżonn li tintensifika l-ħidma tagħha mal-familji kollha, iżda b' mod speċjali ma' dawk il-familji li qegħdin fi kriżi jew għaddejjin minn xi diffikultà;

2) **it-tfal**, li huma l-irġiel u n-nisa ta' għada. Peress li fit-tfulija jitqiegħdu l-ewwel pedamenti ta' formazzjoni umana u nisranija, dawn il-membri żgħar tas-soċjetà m'għandhomx jiġu mitluqa għal riħhom; ta' importanza kbira hija t-trobbija tajba, il-kura u l-edukazzjoni tagħhom;

3) **l-adolexxenti u ż-żgħażagħ**, li għandhom il-preġji u l-problemi tagħhom. Minn *survey* li ħadmet dan l-aħħar il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ jidher li għad baqa' ħafna x'wieħed ifaħħar fiż-żgħażagħ tagħna. Mill-banda l-oħra hemm ħwejjeġ li għandhom jippreokkupawna. Żgur li fis-settur ta' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ meħtieġa risposti pastorali ġodda;

4) **l-anzjani**, li f'Għawdex qegħdin jiżdiedu konsiderevolment. Minkejja l-ħafna problemi marbutin mat-tielet u mar-raba' età, irridu nemmnu li l-anzjani għad baqgħalhom kontribut kbir x'jagħtu, kemm fil-Knisja, kif ukoll fis-soċjetà. Ix-xjuħija għandha l-kariżmi proprji tagħha.

Il-pjan pastorali, imbagħad, jirrelata kull wieħed minn dawn l-erbgħa setturi mat-tliet dimensjonijiet pastorali tal-komunità nisranija li semmejna qabel. Hekk, per eżempju, fil-każ tal-familja, il-pjan pastorali jikkunsidra r-relazzjoni tal-familja max-xandir tal-kelma t'Alla, ir-relazzjoni tal-familja mal-liturġija u r-relazzjoni tal-familja mad-djakonija. U hekk fil-każ tas-setturi l-oħra.

Xi ħaġa importanti: min se jwettaq dan il-pjan pastorali? Dal-pjan pastorali huwa maħsub biex jinħadem mhux biss mis-saċerdoti, iżda wkoll mil-lajċi. Fin-numru 13 insibu: *"Permezz ta' forom ġodda ta' ministerjalità lajkali, il-Knisja tmur għand il-poplu nisrani u titħallat mas-soċjetà."* Interessati ngħidu li huwa u jitkellem fuq familja, tfal, żgħażagħ u anzjani, il-pjan pastorali ma jissuġġerix biss x'tista' tagħmel il-Knisja għalihom, iżda wkoll x' jistgħu jagħmlu huma għalihom infushom u għall-oħrajn. Kull nisrani jista' jkun oġġett u fl-istess ħin suġġett ta' pastorali.

Jien naħseb li lkoll kemm aħna, kappillani, saċerdoti, reliġjużi, lajċi kkonsagrati, seminaristi, membri ta' l-għaqdiet, membri ta' movimenti ekkleżjali... għandna nħossu obbligu fil-kuxjenza lejn dan il-pjan pastorali. Minkejja xi nuqqasijiet li jista' jkun fih, dal-pjan pastorali, bħal dawk ta' qablu, huwa l-isforz ġenwin tal-Knisja f' Għawdex *"b' riżq proġett divin imħabbar u mibdi minn Kristu, il-proġett tas-Saltna t' Alla." (ara n. 1)* Inkunu ħatja quddiem il-Mulej jekk ninjorawh u ma nagħtuhx l-importanza tiegħu. Jalla naqrawh u nistudjawh mhux biss individwalment iżda wkoll b' mod komunitarju, fil-kummissjonijiet djoċesani, fil-presbiteria u fil-kunsilli parrokkjali, kif ukoll fl-għaqdiet li fihom nattendu. S' issa naf b'parroċċa waħda biss li ppruvat tfassal pjan pastorali parrokkjali fid-dawl ta' dan il-pjan djoċesan. Parroċċa oħra introduċiet il-pjan mal-membri ta' l-għaqdiet. L-istess ghamlet il-Kummissjoni Kateketika Djoċesana mal-Katekisti tad-djoċesi. Naf, imbagħad, bi tliet kumitati taż-żgħażagħ li studjaw is-sezzjoni li tirrigwardja lilhom u qegħdin jippruvaw iwettqu xi ħaġa minnha. Naf ukoll b' radju ta' komunità partikulari li għamel sensiela ta' programmi fuq dan il-pjan pastorali. Dawn huma eżempji sbieħ ta' min jimitahom!

# Konsagrazzjoni tal-Familji lill-Qlub Imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija

Dun Ġorġ Bezzina
Kappillan tal-Parroċċa tal-Fontana





*Kien Ġunju tas-sena 1993, meta l-Kwadru Titulari tal-Qalb ta' Ġesù ġie nkurunat mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, u niftakar li waqt li l-Eċċ. Tiegħu poġġa l-Kuruna fuq ras Ġesù, ħassejt gewwa fija xewqa kbira li din trid tissarraf fil-konsagrazzjoni tal-familji lill-Qlub Imqaddsa ta' Gesù u ta' Marija.*

*Kien ferm diffiċli li naċċetta biex biċċa xogħol bħal din tigi imwettqa, speċjalment meta bdejt inħoss li din kellha tkun imferxa fuq Għawdex kollu. Tlabt fuq li tlabt u sibt lil min jitlob miegħi, sakemm wasal il-mument li ngħarraf b'din il-missjoni lill-Isqof tagħna u fl-istess ħin jikkonfermali d-dixxerniment li konna qegħdin nagħmlu. Dan kien f'nofs is-sena 1997.*

*Bl-approvazzjoni u bil-barka ta' Mons. Isqof bdejna l-preparazzjoni meħtieġa, fejn għall-ewwel darba ltqajna grupp ċkejken ta' persuni li kienu lesti li jidħlu bis-serjetà għal biċċa xogħol bħal din. Wara ktibna lill-Arċiprieti u lill-Kappillani, fejn għarrafnihom b'dan il-ħsieb għal matul il-Ġublew, u biex, jekk jaqblu, jibagħtu rappreżentanza mill-Parroċċa tagħhom għal dawn il-laqgħat ta' preparazzjoni. U hawn, minħabba li kellna respons tajjeb, stajna naħdmu aktar mill-qalb. Barra minn hekk, kull-Arċipriet jew Kappillan kien mitlub jagħżel xahar li fih jixtieq li nżuru l-Parroċċa tiegħu u jitwettqu dawn il-Konsagrazzjonijiet. Ħaġa tal-għaġeb, kull Kappillan għażel xahar differenti minn xulxin u b'hekk kulħadd kien aktar kuntent!*

Imbgħad bdiet il-ħidma li niktbu kull familja li hemm f'kull triq u f'kull Parroċċa biex dawn l-ismijiet jgħaddu lill-Arċipriet jew Kappillan qabel jitfasslu l-granet u l-programm sħiħ. Bdew isiru laqgħat mal-Arċiprieti / Kappillani u ma' membri oħra tal-għaqdiet u movimenti li kienu lesti li jagħtu daqqa t'id. Min-naħa l-oħra stedinna lis-saċerdoti kollha, minbarra l-anzjani, u lill-Arċiprieti u Kappillani biex jgħidulna jixtiequx u meta jixtiequ joffru d-disponibiltà tagħhom biex nagħmlu dawn il-konsagrazzjonijiet, dejjem fuq bażi volontarja. Kienu bosta dawk li bagħtu tweġiba fl-affermattiv, iżda seta kien hemm aktar saċerdoti li joffru daqqa t'id f'ħaġa bħal din fejn ridna nżuru l-familji kollha Għawdxin matul il-Ġublew. F'dan iż-żmien ukoll bdejna nippreparaw il-materjal kollu rikjest biex jitqassam lill-familji għall-konsagrazzjoni.

Meta qorob sewwa iż-żmien bdejna nħejju mal-Arċipriet / Kappillan programm apposta għal matul dak ix-xahar li konna bil-ħsieb inżuru lill-familji. Hekk, per eżempju, f'kull parroċċa, matul ix-xahar ddedikat għalihom, saru diversi attivitajiet, bħal laqgħat tal-kategoriji, adorazzjoni, laqgħat ta' talb u *Healing service* immexxi minni u mis-Sur Edward Spiteri; saru żewġ pellegrinaġġi, wieħed mill-Fontana lejn il-Parroċċa u l-ieħor mill-Parroċċa għall-Fontana, xi lejl adorazzjoni, il-quddiesa li ġiet trasmessa fuq l-R.T.K. kull l-ewwel Ħadd tax-xahar, u attivitajiet oħra skond ix-xewqa tal-Arċipriet/Kappillan.

Il-Konsagrazzjonijiet saru hekk: f'Ottubru 1999 morna San Lawrenz; Novembru 1999 Kerċem, u Diċembru żorna ta' Sannat. Jannar 2000 konna Għajnsielem, Frar ix-Xewkija u f'Marzu konna l-Għarb. Matul ix-xhur t'April, Mejju u Ġunju żorna l-familji tar-Rabat u tal-Fontana bl-attivitajiet li nżammu San Ġorġ f'April, il-Katidral f'Mejju u l-Fontana matul Ġunju; f'Lulju żorna iż-Żebbuġ; f'Awissu konna in-Nadur; f'Settembru il-Qala; f'Ottubru ix-Xagħra u f'Novembru il-Munxar u x-Xlendi; f'Diċembru żorna xi familji li kien fadal 'l hemm u 'l hawn, kif ukoll dawk ta' Marsalforn. Dawn il-konsagrazzjonijiet setgħu isiru bil-ħidma ta' madwar ħamsin saċerdot li offrew is-servizz tagħhom b'tant sagrifiċċji.

*Forsi wieħed jistaqsi: issa x'ser jiġri? Kollox jispiċċa hawn? Le.*

L-ewwelnett, bħala għeluq għal din l-inizjattiva għandhom isiru festi apposta ad unur tal-Qalb ta' Ġesù fl-14 ta' Jannar 2001, fejn fuq il-globu tal-Istatwa jitpoġġew 15-il Kewkba tad-deheb li jirrapreżentaw il-15-il Parroċċa tagħna. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-Familji kollha li ġew ikkonsagrati jew ġeddew il-Konsagrazzjoni ser jintbgħatu f'Paray Le Monial u ġewwa Fatima biex hemmhekk isir talb apposta għalihom. Ser titwaqqaf ukoll fondazzjoni biex għal matul il-25 sena li ġejjin l-ewwel kwart ta' dan is-seklu, tinżamm ġurnata quddies ġewwa l-Fontana matul ix-xahar ta' Ġunju qrib il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù. Hemm il-ħsieb ukoll li kull parroċċa tiġi mfakkra biex matul dak ix-xahar partikulari tfakkar lill-familji biex iġeddu l-konsagrazzjoni tagħhom, speċjalment nhar l-Ewwel Ġimgħa u l-Ewwel Sibt tax-xahar.

Jiena nagħlaq dan l-artiklu billi l-ewwelnett nistieden lil kulħadd għal din il-festa tal-14 ta' Jannar 2001. Hemmhekk jinqara rapport dettaljat ta' kemm saru konsagrazzjonijiet f'kull parroċċa; barra minn hekk jingħata ċertifikat iffirmat minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi lis-Saċerdoti kollha li offrew is-servizz tagħhom.

*Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lit-tim kollu li konna niffurmaw il-kumitat "Tiġi Saltnatek" fil-Millennju l-Ġdid, lill-*Helpers *kollha ta' kull Parroċċa, lis-Saċerdoti li b'tant dedikazzjoni għamlu dawn il-konsagrazzjonijiet u lill-Arċiprieti/Kappillani kollha li tant għenu biex matul il-Ġublew stajna għamilna dan l-appostolat f'Għawdex tagħna. U fl-aħħar imma mhux l-inqas nirringrazzja lil Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi li dejjem ħeġġeġ lil kulħadd u wera l-approvazzjoni tiegħu għal din il-missjoni, li bil-Barka tiegħu twettqet matul dan il-Ġublew Imqaddes. Grazzi mill-qalb lill-Familji kollha f'Għawdex li laqgħu mill-qalb lis-saċerdoti u li wrew ix-xewqa li minn żmien għal żmien, minbarra t-tberik tal-familji, is-saċerdoti għandhom iżuru l-familji tagħna biex magħhom jitkellmu u jaqsmu l-mixja tal-ħajja. J'Alla Ġesù u Marija jitfgħu fuq il-Familji kollha tagħna kull Barka tas-sema u kull Paċi tal-qalb.*



BOOKMARK

## It-Tagħlim Soċjali tal-Beatu Papa Ġwanni XXIII

**Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex; 86 paġna;**
***Lumen Christi Publications*, Victoria, Għawdex, 2000.**

*Kien hemm żmien meta persuni qaddisa kienu jiġu ddikjarati beati jew qaddisin mill-Knisja ħafna snin wara mewthom, wara li fid-dinja ma jkunx fadal nies jafuhom jew jiftakruhom. Iżda illum mhux hekk. Illum il-Knisja saret tibbeatifika u tikkanonizza nies li għexna magħhom u għadna niftakruhom sewwa. Wieħed minn dawn huwa l-beatu ġdid Gwanni XXIII. Il-Papa li ġedded il-Knisja bil-Konċilju Vatikan II u bil-mod sempliċi u innovattiv li bih għex il-pontifikat tiegħu bejn is-snin 1958-1963.*

*Fost ħwejjeġ oħra, żgur li l-Beatu Ġwanni XXIII jibqa' mfakkar għat-tagħlim soċjali tiegħu. Kellu raġun il-magħruf Henri Daniel-Rops jikteb: "l-għerf qalbieni u-ġenerożità kostanti ta' Angelo Roncalli tistà ssibhom fit-testi kbar li pejmezz tagħhom kellem lin-nies ta' żmienu, fir-rwol tiegħu ta' Duttur u Għalliem. U nenfasizza "lin-nies ta' żmienu" għaliex kien lin-nies kollha u mhux biss lill-Kattoliċi, li Ġwanni XXIII indirizza ż-żewġ enċikliċi maġġuri tiegħu* Mater et Magistra *u* Pacem in Terris. *Kemm jekk jittratta dwar problemi soċjali, bħal fl-ewwel enċiklika u kemm dwar il-gwerra u l-paċi, bħal fit-tieni, il-Papa kien jaf sew kif għandu jilħaq il-qlub tal-bnedmin. Dak li kellu jgħid dwar ir-responsabilità tal-ġid, kemm persunali jew nazzjonali, jew dwar l-assurdità tal-gwerra, ħallew impressjoni profonda. Hemm hekk smajna l-kliem ta' bniedem li kien qiegħed ikellem lill-umanità. (The Heart and Mind of John XXIII, Gorgi Books)*




*Il-qarrejja Maltin, bil-publikazzjoni tal-ktieb "It-tagħlim Soċjali tal-Beatu Papa Ġwanni XXIII", miġbur fil-qosor u mfisser minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi f'40 lezzjoni, issa għandhom l-opportunità li jduqu ftit mill-benna tal-għerf tat-tagħlim soċjali tal-Papa Gwanni XXIII fit-tliet enċikliċi tiegħu:* Ad Petri Cathedram, Mater et Magistra *u* Pacem in Terris.

*B'mod ħafif u sempliċi, u bl-anqas dettalji, l-Isqof Cauchi jagħtina ħjiel tal-prinċipji u l-valuri umani, morali u soċjali li l-Papa Gwanni XXIII indikalna u li għadhom attwali ħafna fil-bidu tal-millennju ġdid, għall-progress tal-bnedmin kollha tad-dinja. Għal min isibha diffiċli li jaqra dawn l-enċikliċi sħaħ, dan il-ktieb joffrilu okkażjoni tad-deheb biex ikun jaf sew x'qal lid-dinja ta' żmienna dan il-Papa qaddis.*

*Fil-bidu tal-ktieb, imżewwaq b'ritratti storiċi u stampat fuq karta fina, l-Isqof Cauchi ma jonqosx li jagħtina ħarsa ħafifa wkoll fuq il-ħajja tal-Papa Ġwanni XXIII. Il-ktieb huwa ppubblikat mil-*Lumen Christi Publications *tal-*Lumen Christi Media Centre *f'Għawdex b'kollabrazzjoni maċ-Ċirkoli ta' l-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex.*

***Kan. John Ciarlò***

**J.V.J.**

***General Merchants / Importers of Sweets***
***Master Squashes - Master Spirits***
***Distributors of Delco Batteries & Car Accessories***
*Car & Motor Bike Dealer - Rent-a-Car*
***Gozo Sole Agent for Aprilia, Gillera, Piaggio Motor Bikes***
***and Pirelli Drago Tyres***

Xagħra - Gozo. Tel: 555819, 564640 Fax: 563950 Mob:09496680

# Ho bisogno di Te

## *Kunċert Rock ta' Kant Reliġjuż*

*Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ flimkien mal-Grupp ta' Żgħażagħ voluntiera fi ħdan ir-*Respite Centre *"Living with Hope" organizzaw kunċert rock ta' kant reliġjuż nhar is-Sibt 9 ta' Diċembru fis-sala ta' l-Oratorju Don Bosco. Għal dan il-kunċert kienu mistiedna tliet kantanti Taljani li ngħabu Malta mill-Patrijiet Agostinjani Maltin fl-okkażjoni tal-Ftuħ tal-Kappella tal-Millennju f'Paceville. Il-kantanti kienu Roberto Bignoli minn Milan, Marco Bonini minn Cremona u Don Mario Migliarese minn Crotone. Barra l-kunċerti li taw f'Malta u Għawdex f'dawn il-jiem, huma ħadu sehem f'diversi kunċerti internazzjonali. Dawn it-tliet kantanti, flimkien ma' għadd ta' kantanti oħra Taljani, jiffurmaw parti minn Assoċjazzjoni ta' Kantanti Insara, li għandha l-iskop li tevanġelizza ż-żgħażagħ permezz tal-kant reliġjuż. Il-kantanti ngabu Għawdex b'inizjattiva ta' Dun Gerald Buhagiar, u grazzi għall-koperazzjoni sħiħa li sibna mingħand l-organizzaturi Maltin.*

*Flimkien mal-kanzunetti tagħhom, dawn il-kantanti qasmu maż-żgħażagħ u familji li kienu preżenti fis-sala ta' l-Oratorju l-esperjenzi tal-ħajja tagħhom. Għalina kienet esperjenza ġdida li ntlaqgħet tajjeb ħafna minn dawk preżenti, hekk li ma' l-ewwel daqq tal-mużika ż-żgħażagħ qamu fuq saqajhom u bdew jakkumpanjaw il-kant bir-ritmu taż-żfin. Xi kummenti li qasmu magħna wħud minn dawk li ħadu sehem f'dan il-kunċert huma biżżejjed biex ifissru l-atmosfera li ħolqu dawn it-tliet kantanti Taljani.*




Impressjonani d-djalogu bejn il-kantanti u ż-żgħażagħ:

- "Kontu tafu li hemm mużika bħal din, mużika rock li tfaħħar lil Alla? • Le.
- Twegħduni li tfaħħru lil Alla? • Iva.
- Twegħduni li tfaħħru lil Alla bil-mużika tagħkom? • Iva." *(Rita)*

Il-kant ta' dawn il-kantanti kien veru ta' livell għoli. Allavolja huwa kant offrut lil Alla, kien ukoll kant rock, pop, rap. Kant li intgħoġob ħafna miż-żgħażagħ preżenti. Fis-sala ta' l-Oratorju Don Bosco kien hemm entużjażmu u allegrija kbira. Kien verament, kif ngħidu aħna ż-żgħażagħ, kunċert tal-ġenn! *(Daniel)*

Barra l-kant tagħhom, dawn il-kantanti Taljani rrakkuntawlna l-esperjenza ta' ħajjithom. Laqtitni ħafna l-istorja ta' Roberto Bignoli meta qal li għadda parti minn ħajtu bħala drogat peress li qatt ma seta' jaċċetta li huwa bniedem b'handikap. Spiċċa wkoll il-ħabs u kien ukoll bniedem rivoluzzjonista, iżda qalilna li f'dan kollu qatt ma sab il-veru ferħ. Dan il-ferħ illum isibu fil-kanzunetti li jikteb u jkanta biex ifaħħar lil Alla. *(Jeremy)*

Esperjenza tal-ġenn! Peress li kienet l-ewwel esperjenza għalija, nista' ngħid li qsamna l-ferħ flimkien permezz tal-kunċert. Idea tajba ħafna jekk dan jerġa' jseħħ, u jien minn ta' l-ewwel li nkun preżenti. Prosit lil Dun Gerald u lil dawk kollha li kkoperaw biex dan seħħ. *(Carmen)*

Esperjenza unika, għaliex ma kenitx ħaġa daqshekk formali. Il-parteċipazzjoni għamlet lil dan ir-Rock Concert wieħed ideali. Nixtieq ħafna li dan jerġa' jsir mill-istess kantanti Taljani, għaliex irnexxielhom jagħtuna xi ħaġa li tibqa', u dan li għamlu kunċert b'differenza mill-oħrajn. Nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil kulħadd. *(Maria)*

## Frenċ ta' l-Għarb - 1



**Sensiela ġdida ta' Angelo Xuereb**

# *Min kien Frenċ tal-Għarb?*

Frenċ tal-Għarb twieled fil-1892 u miet fil-1967. Ħajtu kienet waħda sempliċi: dik li jaħdem fir-raba' u jagħmel il-ġid bil-mezzi li kien jista'. Madankollu tifkiritu għadha ħajja f'bosta Maltin u Għawdxin. Nistgħu ngħidu li huwa kien il-bidwi li stħajluh tabib.

Ix-xogħol ta' Frenċ kien ta' bidwi. Dak iż-żmien ma kienx hawn l-għodod tal-lum, u għalhekk ix-xogħol fir-raba' kien aktar diffiċli. Anke meta kiber fil-popolarità, meta kien jfejjaq permezz tal-ħxejjex, huwa baqa' jmur jaħdem fil-għalqa. Però, kieku kellna nistaqsu: għaliex il-memorja tiegħu baqgħet daqshekk magħna?, ir-risposta toħroġ waħidha. Frenċ tal-Għarb ħabb il-Madonna ta' Pinu, qatt ma fittex il-popolarità, kien jitlob u dejjem kien jagħmel, kif kien jista', ġid materjali kif wkoll spiritwali lill-proxxmu tiegħu.

Fil-lingwa Latina hemm proverbju li jgħid "Ħadd ma jista jagħti minn dak li m'għandux". U hekk jiġri f'kull bniedem. U Frenċ tal-Għarb kien wieħed minn dawk li kellu maħżuna ġo fih imħabba lejn Alla u lejn il-Madonna ta' Pinu, kif ukoll ħeġġa biex jgħin lill-proxxmu.

Għalkemm Frenċ tal-Għarb għex qabel il-Konċilju Vatikan II, nistgħu ngħidu li huwa kien qiegħed jgħix l-ispiritwalità lajkali kif imħabbra mill-Konċilju. Minkejja li ħafna nies kienu jmorru għandu, hu baqa' jmur għax-xogħol tiegħu tal-għalqa. Iżda huwa ma waqafx hemm biss. Huwa għamel kull ma seta' u kull ma nebbħu Alla għall-akbar glorja tal-Mulej.

Huwa għamel kull ma seta' biex is-Saltna t'Alla tikber. Kellu l-proġett tal-*Via Sagra* fuq t'Għammar; għen permezz ta' pariri materjali u spirtwali lil dawk kollha li rrikorrew għandu; u fuq kollox kien bniedem ta' ħajja nterjuri u talb. Darba lil waħda mara qalilha: "Aħjar li l-bniedem ibati għomru kollu, milli jagħmel dnub mejjet wieħed".

Ma kienx bniedem perfett, iżda bil-mod rebaħ ukoll id-difetti fil-karattru tiegħu. In-nies inġibdet warajh għax raw fih bniedem mimli bl-ispirtu t'Alla, imħeġġeġ biex jagħmel il-ġid. Infatti, nistgħu ngħidu li huwa għandu l-mertu li kien wieħed minn ta' l-ewwel li beda jagħmel iljieli ta' talb fil-pubbliku f'postijiet differenti.

Frenċ tal-Għarb għandu messaġġ spiritwali għall-bniedem tal-lum. Kull xogħol ġej minn Alla. Għalhekk, meta il-bniedem ikun qiegħed jaħdem, hu jissieħeb fil-pjan t'Alla. Iżda max-xogħol tiegħu ta' kuljum li jrid jagħmel, Frenċ tal-Għarb jgħallimna li għandna nagħmlu l-ġid materjali u spiritwali possibbli lill-proxxmu tagħna.






# Akkwistajtu ?

# SEGWIH !




- **Ibgħat l-offerta libera tiegħek lil:**
  "CARITAS - GĦAWDEX", Kurja tal-Isqof, Victoria.

- **Kopji *extra* għall-emigranti u l-ħbieb jistgħu jiġu akkwistati mil-**
  **LUMEN CHRISTI BOOKSHOP, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex.**

# EĊĊEZZJONALI !

# Liema ħanut f'Għawdex ikun miftuħ mill-5.00 sal-10.00 ta' bil-lejl *?!




MHUX NEGOZJU **imma** SERVIZZ KOMUNITARJU

*** Kuljum, barra nhar ta' Tlieta u nhar ta' Sibt**




## Għeluq tal-Ġublew il-Kbir

Nhar il-Ħamis, 5 ta' dan ix-xahar, fil-Vġili tas-Solennità ta' l-Epifanija tal-Mulej, ser isir l-għeluq tal-Porta Santa fil-Bażilići ta' San Giovanni in Laterano, S. Maria Maggiore u S. Paolo fuor le mura. Fl-istess jum jintemm il-Ġublew fl-Art Imqaddsa u fil-Knejjes Lokali. L-għada, il-Ġimgħa, Solennità ta' l-Epifanija, tingħalaq il-Porta Santa tal-Bażilika ta' San Pietru.

## Ittra Pastorali ta' Martini għas-sena 2000-2001

Ta' kull sena l-Kardinal Carlo M. Martini jikteb ittra pastorali lid-djoċesi ta' Milan. L-ittra tas-sena liturġika li qegħdin fiha tieħu spunt mill-Ġublew tat-Testment il-Qadim li Martini jsejjaħlu is-"Sibt tas-Sibtijiet" (ara Lev. 25, 8-17), u fiha l Arċisqof ta' Milan jibni r-riflessjoni tiegħu fuq kif Sibt il-Għid ġie mgħix mid-dixxipli u mill-Madonna. Laqatni dak li kiteb f'n.3, għax inħoss li għandna ħafna x'nitgħallmu minnu jekk inqisu s-sitwazzjoni lokali. Jgħid li fid-divertiment ta' bil-lejl taż-żgħażagħ, drawwa dejjem tikber, aktarx tinsab metafora ta' biża' tal-futur. Hu forma ta' *escapism*: ifittxu x-xalar tal-lejl li jgħaddi malajr, waqt li jinsew l-inċertezzi u l-problemi tal-jum u jevitaw li jaffrontaw b'impenn il-jum ta' llum u ta' għada. Il-Kardinal jistaqsi: forsi din mhix sejħa biex naraw li l-Velja ta' l-Għid u l-velji l-kbar l-oħra u l-adorazzjonijiet ta' bil-lejl jistgħu jagħtu twegiba bis-sens għan-nuqqas ta' paċi tant ċar fost iż-żgħażagħ?

## L-Ewtanasja fl-Olanda

Joaquin Navarro-Valls, kap tas-Sala Stampa tal-Vatikan, ikkummenta b'reazzjoni għall-aħbar li l-leġislatura ta' l-Olanda approvat miżura li tippermetti l-ewtanasja. Navarro-Valls qal li din iġġib "problema gravi għall-etika professjonali għat-tobba li jridu jpoġġuha fil-prattika". Navarro-Valls, hu nnifsu tabib, innota li l-liġi l-ġdida tikser id-Dikjarazzjoni tal-1948 ta' Ġinevra, approvata mill-Assoċjazzjoni Medika Dinjija, kif ukoll il-prinċipji etiċi adottati minn rappreżentanti ta' l-assoċjazjonijiet mediċi minn 12-il pajjiż Ewropew fl-1987. "Madankollu għal darb'oħra ninsabu wiċċ imb'wiċċ ma' liġi statali li tikser il-liġi naturali u l-kuxjenza ndividwali", qal il-kelliemi għall-Vatikan.

## "Aqraw mill-ġdid id-dokumenti tal-Vatikan II"

Dan qalu l-Papa fil-Ġublew tal-lajċi. "35 sena wara t-tmiem tiegħu, hu ż-żmien li nerġgħu lura għall-Konċilju", qal il-Papa waqt quddiesa fi Pjazza San Pietru. Qal ukoll li l-Konċilju jimmarka l-bidu ta' "l-età tal-lajci".

JV
Joseph Vella
Plumber &
Electrician
QALA • Tel. 559774 Mobile: 0944 0359

Is-Sisien Tat-Tagħlim Soċjali Tal-Knisja

# 8. Il-Ġid Komuni

mill-E.T. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex



Ma jistax ikun li wieħed jifhem sewwa l-liġijiet u l-prinċipji li bihom titmexxa l-ħajja soċjali, jekk ma jkollux idea ċara tal-**ġid komuni.** Għad li huwa diffiċli tispjega l-ġid komuni fl-aspetti profondi tiegħu, u mhux dejjem huwa possibbli tiddetermina l-aspett storiku tiegħu, iżda kemm fil-manwali ta' l-etika u fil-kotba tas-soċjologija, kif ukoll fid-dokumenti tal-magisteru tal-Knisja, definizzjonijiet tal-ġid komuni ma humiex nieqsa.

Skond l-awtur Gonzales (Moral Philosophia Moralis, paġ. 820): *"Il-ġid komuni jew soċjali huwa dak il-ġid li jħares l-interessi tas-soċjetà kollha kemm hi. Huwa l-oppost tal-ġid privat jew ta' l-individwu."* Imbagħad, fil-paġna 829, ikompli jgħidilna: *"Il-ġid komuni huwa dak li l-membri tas-soċjetà jkollhom bħala għan li jiksbu meta jifformaw is-soċjetà. Jinkludi, qabel xejn, it-total tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex bihom il-membri ta' l-istess soċjetà jkunu jistgħu jilħqu l-prosperità tagħhom, bħal ma huma l-paċi, l-ordni ġuridiku, infra-strutturi, eċċ. Il-ġid kommuni jeżiġi wkoll li tingħata għajnuna lill-individwi, meta dawn, weħidhom, ma jkunux kapaċi jiksbu l-hena tagħhom."*

Hija xi ftit differenti id-definizzjoni mogħtija minn Amintore Fanfani (Summola Sociale, paġ.68): *"Il-ġid komuni temporali jikkonsisti fil-godiment, fil-paċi u fis-sigurtà tal-jeddijiet proprji li jkollhom iċ-ċittadini kollha; jikkonsisti wkoll fl-ogħla prosperità, materjali u spiritwali, skond iz-zminijiet u l-possibilità li jkun hemm."*

Meta niġu għall-Maġisteru tal-Knisja, nistgħu nibdew mill-Papa Piju XI, li fl-enċiklika *Divini Illius Magistri* tal-31 ta' Diċembru 1929 jgħidilna li l-ġid komuni, fl-ordni temporali, ifisser il-paċi u s-sigurezza li fihom il-familji u kull wieħed miċ-ċittadini jkunu jistgħu jħaddmu, bil-libertà, il-jeddijiet tagħhom, flimkien ma' l-ikbar prosperità spiritwali u materjali li hija possibbli fil-ħajja preżenti, permezz ta' l-unjoni u l-kordinament tal-ħidma ta' kulħadd.

Il-Papa Piju XII, fil-messaġġ tal-Milied 1942, meta jsemmi l-ġid komuni, jispjegah hekk: *"dawk il-kundizzjonijiet esterni li huma neċessarji għall-għaqda taċ-ċittadini, għall-izvilupp tal-kwalitajiet u l-kompiti tagħhom, tal-ħajja tagħhom materjali, intellettwali u reliġjuża."*

Hekk ukoll, il-Papa Gwanni XXIII, fl-enċiklika *Mater et Magistra*, jiddeskrivi l-ġid komuni b'dan il-mod: *"dawk il-kundizzjonijiet soċjali kollha li jgħinu l-izvilupp sħiħ tal-personalità umana."*

## Il-ġid komuni u l-awtoritajiet pubbliċi

Dan ifisser li għad li l-ġid komuni huwa differenti u ogħla mill-interessi privati, ma jistax jiġi mifrud mill-ġid tal-persuna umana. Biex jinkiseb il-ġid komuni, fl-awtoritajiet pubbliċi, jiġifieri fil-gvern, hemm l-obbligu li jagħraf, jirrispetta, jipproteġi u jippromovi l-jeddijiet umani u li jagħmel iktar ħafif it-twettieq tad-dmirijiet korrispondenti.

Bħala konsegwenza, wieħed jista' jgħid li r-"*raison d'etre*" ta' l-awtoritajiet pubbliċi jew l-iskop tal-eżistenza tagħhom huwa dak li jirrealizzaw il-ġid komuni. Huma għandhom iħabirku għall-ġid komuni fis-sens li huma għandhom ifittxu l-vantaġġ taċ-ċittadini kollha u tal-bniedem sħiħ, - jiġifieri l-bniedem meqjus kemm fid-dimensjoni temporali kif ukoll f'dik tranxendentali - waqt li jirrispettaw ġerarkija ta' valuri retta, kif ukoll l-eżiġenzi taċ-ċirkostanzi storiċi.

Jidher li l-ġid komuni huwa konness l-iktar ma' l-istat, għaliex huwa dan li, mingħajr ma jxellef il-prinċipju tas-sussidjarjetà, għandu jimmira għalih u jfittex li jwettqu. Iżda anki soċjetajiet oħra, bħal ma hija l-familja, għandhom il-ġid komuni proprju tagħhom, jiġifieri l-ġabra ta' kundizzjonijiet meħtieġa biex dik is-soċjetà tgħix fil-paċi u fis-serenità.

Il-Knisja tara l-ġid komuni bħala valur fis-servizz tal-ħajja soċjali, tal-organizzazzjoni tagħha u ta' ordni gdid fil-ko-eżiżtenza umana. Għalhekk hija tinsisti li l-ġid komuni għandu tifsira umana valida flimkien mal-kapaċita li janima l-istrutturi soċjali fil-globalità tagħhom, kif ukoll fis-setturi partikulari tagħhom billi jinkoraġġixxi tibdiliet mill-għeruq skond il-kriterji tal-ġustizzja soċjali.

## *It-treġija tajba ta' l-Istat*

Il-għan tat-treġija ta' l-istat huwa l-ġid jew il-prosperità tal-poplu kollu. Għal din ir-raġuni, ir-responsabilità li jfittxu l-ġid komuni taqa' l-ewwelnett fuq dawk li għandhom l-awtorità f'isem il-poplu. Din ir-responsabilità hija wisq ikbar minn kull obbligazzjoni oħra li jista' jkun hemm lejn xi klassi jew partit politiku. Hekk, per eżempju, membru tal-parlament għandu responsabilità personali independentement mill-partit li fih huwa msieħeb. Huwa jonqos kontra l-ġustizzja jekk, biex isegwi direttiva tal-partit tiegħu, imur kontra l-kuxjenza u jivvota favur xi deċizjonijiet li huwa jħoss li huma kuntrarji għall-eżigenzi tal-ġid komuni tal-poplu.

F'dawk li jrieġu s-soċjetà, l-imġieba tajba f'dan il-kamp tissejjaħ "gustizzja distributtiva", li nistgħu niddefinuha bħala dik l-għamla ta' ġustizzja li tobbliga l-mexxejja ta' l-istat li jqassmu l-benefiċċi u l-piżijiet tal-ħajja komunitarja fost iċ-ċittadini skond il-merti u l-ħtiġijiet ta' kull wieħed. Il-ġustizzja distributtiva tirregola d-dmirijiet tas-soċjetà jew ta' l-istat lejn l-individwi. Huma nuqqasijiet jew dnubiet kontra l-ġustizzja distributtiva l-favuritiżmu u d-diskriminazzjoni nġusta favur jew kontra xi persuni li ma jkunx jistħoqqilhom.

Però, id-dmir li naħdmu għall-ġid komuni ma jirrigwardjax biss lil dawk li jiggvernaw: il-poplu kollu għandu sehem minn din ir-responsabilità. Id-dmir li joħroġ minn din il-għamla ta' ġustizzja ma jfissirx li ċ-ċittadin għandu jiċħad l-interessi privati tiegħu, iżda jfisser li, waqt li jieħu l-profitt leġittimu tiegħu, għandu jibqa' dejjem fl-ambitu tal-ġid komuni. Kif jgħid San Tumas: "*Il-virtù taċ-ċittadin tajjeb hija l-ġustizzja ġenerali li twassal il-bnedmin għall-ġid komuni.*"

Il-ġid komuni għandu jkun il-għan ta' kull attività materjali mwettqa mill-bniedem. Dan il-għan huwa wiesgħa ħafna u jidher quddiemna bħala regola li tobbliga dejjem. Hadd ma huwa eżenti minnha. L-ebda professjoni, negozju, assoċjazzjoni jew trejdjunjin ma jistgħu jibqgħu lura. Is-soċjetajiet kollha li jaqgħu taħt l-istat, waqt li jħabirku għall-iskopijiet leġittimi tagħhom, ma għandhomx jaħsbu li għandhom independenza assoluta fl-azzjonijiet tagħhom, jiġfieri li jagħmlu dejjem dak li jaqblilhom. Anki s-soċjetajiet għandhom iżommu ruħhom 'il bogħod mill-individwaliżmu, għax dan fil-każ tagħhom ukoll jista' jkun ta' ħsara għas-soċjetà.

Ir-riċerka jew it-tħabrik għall-ġid komuni, peress li hija l-għan aħħari ta' l-istat, meta tilħaq l-objjettiv immedjat tagħha iġġib ċerta unità jew għaqda fis-soċjetà sħiħa. Hija prinċipju unittiv, għaliex joħloq rabta bejn il-gruppi kollha, għaliex kull grupp fl-isfera tiegħu għandu jikkontribwixxi għall-paċi soċjali.

Hija meħtieġa koperazzjoni u ħidma flimkien bejn il-gvern u ċ-ċittadini, ladarba l-ġid komuni huwa responsabilità tat-tnejn, li għandhom iżommuh ukoll bħala għan tagħhom. Il-funzjoni ta' l-istat hija prinċipalment direttiva, jew waħda ta' tmexxija, mentri dik tal-poplu hija eżekuttiva, jiġifieri li jwettaq dak li jkun ġie deċiż, iżda t-tnejn flimkien huma korresponsabbli.

Dan il-prinċipju tal-korresponsabilità u r-riċerka tal-ġid komuni hemm posthom mhux biss fuq livell nazzjonali, iżda wkoll fuq livell internazzjonali. Il-Papa Ġwanni XXIII, fl-enċiklika *Pacem in Terris* (n. 132), jgħid "*Jeżisti dejjem il-bżonn oġġettiv li jiġi promoss b'miżuri xierqa l-ġid komuni universali, jiġifieri l-ġid komuni tal-familja umana kollha kemm hi.*"




# IL-MARA FIL-FOLKLOR GĦAWDXI

*( L-Ewwel Parti )*

Meta ngħidu folklor, bħalma qal tajjeb missier il-folklor Malti, Patri Manwel Magri, S.J., nifhmu l-għerf bla miktub tal-Maltin u l-Għawdxin. Dan il-għerf jappartieni lil kulħadd, nisa u rġiel. Imma n-nisa bħala nisa u l-irġiel bħala rġiel, dejjem skond is-sess, għandhom il-folklor distintiv tagħhom li ma jgħoddx għas-sess oppost. Illum se ngħid xi ħaġa fil-qosor dwar il-mara fil-folklor Għawdxi.

### IL-ĠGANTA GĦAWDXIJA

Meta wieħed jiġi biex jitkellem dwar il-mara fil-folklor Għawdxi, wieħed ma jistax jibda bla ma jsemmi l-aktar mara famuża f'Għawdex: il-ġganta li ġarret il-ġebel il-kbir tat-tempji megalitiċi tagħna u tal-fdalijiet preistoriċi l-oħra li dari kienu aktar numerużi mil-lum. Din kienet Omm il-Għawdxin għaliex, skond il-leġġenda, il-Għawdxin huma wlied it-tifla tal-ġganta. Liema huma dawn il-fdalijiet?

Għandna qabel xejn it-Tempji Megalitiċi tal-ġgantija, dari magħrufa bħala t-Torri tal-ġganti. Għandna d-Dura tal-Mara f'ta' Ċenċ, aktarx fdal ta' tempju megalitiku jew ta' żmien il-Bronż. Wara dawn insibu l-ħaġra ta' Grunja fil-Qala, magħrufa bħal l-ġebla l-Wieqfa, u l-ġebla ta' Sansuna fix-Xagħra, ħaġra ta' dolmen imwaqqgħa.

Il-ħaġar ta' dawn il-fdalijiet megalitiċi kollha ġarritu l-ġganta Għawdxija. Skond il-leġġenda, din il-mara ta' saħħa tal-għaġeb ġarret dan il-ġebel fuq rasha minn ta' Ċenċ għax-Xagħra jew għal Qala. Kien ikollha but mimli bil-ful u t-tarbija mdendla wara daharha. Waqt il-mixi kienet tiekol il-ful u tagħżel il-masri jew qoton. Kultant twieżen il-ħaġra b'idha biex ma taqax. Verżjoni oħra ta' l-istess leġġenda tgħid li din il-mara ħadet il-ħaġra l-wieqfa tal-Qala biex toqgħod bil-qiegħda fuqha tgħasses il-għalqa tal-ful li kellha hemmhekk. Sa ftit żmien ilu n-nies tal-Qala kienu saħansitra juru ż-żewġ ħofriet fejn kienet tpoġġi saqajha. Dment li l-ful kien jagħmel, il-ġganta kienet tgħix b'saħħitha. Imma sena minnhom il-ful m'għamilx u l-ġganta ma kellhiex x'tiekol. Saħħitha bdiet tnin. It-tfal bdew jiddieħku biha u jgħidulha: Jekk għandek il-ħila erġa' erfa' dik il-ħaġra. U wara ftit il-ġganta mietet, iżda tifkira tagħha baqgħet hawn magħna fil-ħaġar kbir taż-żmien preistoriku.

Ċertament, dawn il-leġġendi ma nħolqux biss minħabba l-preżenza ta' ħaġar kbir li kien inissel biża' fost l-antenati tagħna. Setgħu nħolqu wkoll minħabba l-fgajjar jew statwetti tal-mara l-ħoxna li fil-qedem setgħu kienu aktar numerużi u li wieħed seta' jsibhom malajr qrib it-tempji tagħna.

### IN-NINFA CALYPSO

Ma nafx jekk in-ninfa Calypso għandhiex titqies bħala mara nkella bniedma. Hi x'inhi, il-ġens tagħha huwa femminili. Kienet taġixxi bħan-nisa u għalhekk hija mara, insomma t-tieni l-akar mara famuża tal-gżira Għawdxija għaliex Għawdex jissejjaħ ukoll minn isimha, il-Gżira ta' Calypso. Skond il-leġġenda kienet toqgħod ġewwa għar fuq ir-riħ tar-Ramla l-ħamra magħruf sal-ġurnata ta' llum il-Għar ta' Calypso. Hawn kienet tgħix din in-ninfa u meta Ulysses safa mitfugħ fuq gżiritna minn tempesta qalila, meta daħal fil-għar huwa ltaqa' ma' Calypso. Minkejja li Ulysses kien ħsiebu biex imur lura Ithaca ħalli jara lil martu u lil ibnu, Calypso żammitu magħha u wegħditu s-saltna tal-ġżira u ż-żgħożija eterna. Għal seba' snin sħaħ in-ninfa Calypso żammet lil Ulyssses fil-jasar tagħha sakemm l-allat ġiethom ħniena minnu u ordnawlha biex tħallih jitlaq. Bis-saħħa tan-ninfa Calypso Għawdex għandu attrazzjoni turistika li tiġbed eluf ta' turisti kull sena.

## IL-MADONNA

It-tielet l-aktar mara famuża fil-folklor Għawdxi hija l-Madonna, omm Sidna Ġesù Kristu. Il-Madonna hija persunaġġ bibliku mill-iżjed importanti u l-aktar mara qaddisa fir-Reliġjon Kattolka. Ma setax jonqos għalhekk li ma ssibx postha fil-folklor tal-gżira ċkejkna tagħna. Infatti, l-ewwel leġġenda tgħidilna li meta l-Appostlu San Pawl ġie Malta hu żar ukoll lil Għawdex. Hawn hu ddedikalha t-Tempju ta' Giunone fuq il-għolja fejn illum hemm iċ-ċittadella. Il-verita' li nistgħu nisiltu minn din il-leġġenda hija li l-ewlenin insara bidlu t-tempju pagan tagħhom dedikat lill-alla-mara u qaddsuh lill-akbar qaddisa tar-reliġjon tagħna. Kif inhija d-drawwa, huma attribwew dan il-għemil straordinarju lill-akbar appostlu - lil missierna San Pawl.

Skond it-tradizzjoni l-Madonna hija mara li tinteressa ruħha f'dak li jkun qiegħed jiġri f'din il-gżira u f'dak kollu li hu Għawdxi. Infatti leġġendi oħra jgħidu li meta darba oħra kienu se jibnu t-tempju tagħha fuq il-Għolja ta' Gelmus, hija ġarret il-ġebel għal fuq il-Għolja tal-Kastell, għaliex hemm riedet li tinbena l-knisja tagħha, u l-istess għamlet meta kien se jinbena s-Santwarju tal-Qala f'tas-Salib għaliex il-Madonna riditu f'tal-ħalq fejn jinsab illum. Jingħad ukoll li raġel magħtub minn twelidu li kien rikoverat fl-Isptar tax-Xjuħ, li sa l-1974 kien fi pjazza San Franġisk, darba ra viżjoni ta' kwadru tal-Madonna ta' Pomej li waqaf fuq il-weraq tal-bajtar ta' d'Indja li kien hemm. Xi snin wara fl-istess post inbena s-Santwarju tal-Madonna ta' Pompej mit-twajba Karolina Cauchi.



Meta kienet qiegħda tinħadem il-qanpiena l-kbira (hawn min igħid iż-żgħira) tal-Knisja Matriċi, illum Kattidral, dehret mara li xeħtet ħoġor deheb fl-inħasa. Dik il-mara ma kienet ħadd ħlief Sidtna Marija. Għalhekk, nhar il-festa ta' l-Assunta dik il-qanpiena ddoqq hekk sabiħ u melodjuż. Nhar il-15 ta' Awissu, jum l-Assunta jingħad li l-infern jagħlaq u l-Madonna bi grazzja tiegħu lil kulħadd il-ġenna. Hija ma tridx li nhar it-tlugħ tagħha fis-sema xi ħadd jintilef fl-infern.

Fil-ġlieda ta' l-Insara kontra l-Misilmin, l-Assunta taż-żebbuġ kienet tidher tħaġġar lill-egħdewwa invażuri u treġġagħhom lura lejn il-baħar minfejn kienu jkunu ġew. Skond ma jingħad, fil-festa ta' Santa Marija ta' l-1598, kemm l-insara Għawdxin kif ukoll it-Torok Misilmin raw dehra tal-Madonna. It-Torok hekk bezgħu li fetħu l-qlugħ u telqu. Wieħed kaptan ta' xini, maqbud f'maltempata, għamel wegħda lill-Madonna li jibnilha knisja fuq l-ewwel art li jara. Kienet il-għolja ta' Dbieġi l-ewwel art li ra. U kompla l-wegħda tiegħu billi hemm bena knisja ċkejkna lill-Assunta. Wieħed bidwi mlaqqam il-Lindju kien waqa' lsir. Hu wiegħed lill-Madonna li jekk jeħles mill-jasar jibnilha niċċa. Meta fil-fatt ħeles mill-jasar bena n-niċċa tal-Madonna ta' l-Anġli fix-Xagħra. Iżjed fuq in-niċeċ. In-nies tal-Għarb bnew in-niċċa tal-Fgura fil-bidu tar-raħal għaliex kienu qegħdin jinstemgħu ħsejjes kbar. Imbagħad il-ħsejjes ma nstemgħux iżjed.

## IL-MARA FIL-LEĠĠENDI GĦAWDXIN

Għawdex huwa l-gżira tal-leġġendi. Ma jistax jonqos, mela, li f'bosta leġġendi Għawdxin in-nisa jilagħbu parti prominenti. Jingħad li l-aqwa leġġenda Għawdxija hija dik ta' San Dimitri. F'din il-leġġenda naraw lil Żgugina jew żguga titlob lil San Dimitri biex jerġa' jġibilha lil binha waħdieni li kien insteraq mit-Torok. Żgugina wiegħdet lil San Dimitri li tixgħellu qasba żejt li ddum tixgħel minn fil-għodu sa bil-lejl. San Dimitri b'miraklu ġibilha 'l binha, u Żgugina żammet il-wegħda: u saħansitra anki meta l-knisja għerqet taħt il-baħar, id-dawl inemnem ta' Żgugina baqa' jixgħel u għadu hemm jixgħel sa llum.

Mara leġġendarja oħra hija Selika li kienet toqgħod fl-inħawi tal-Belliegħa, ir-Rabat, Għawdex. Din kellha seba' xebbiet il-ġmiel tagħhom. Darba minnhom rathom il-mara li tgħajjen. Selika bagħtet lit-tifla ż-żgħira ġġib l-ilma mill-għajn li kien hemm ġewwa għar fond fil-qrib. U din għerqet fil-belliiegħa ta' l-ilma ġewwa dak il-għar. Waħda wara l-oħra marru x-xebbiet ifittxu lil xulxin, u waħda wara l-oħra għerqu fil-belliegħa tal-għar. In-nies dak il-għar bagħditu u radimitu biex qatt iżjed ma jerġa' jibla' lil ħadd.

Il-leġġenda tal-Forn ta' Marsalforn hija magħrufa sewwa. Hija leġġenda ta' żmien it-Torok. Dawn attakkaw lil Għawdex u ħabtu għall-forn li kien jinsab f'din il-bajja. Fih kien hemm diversi nisa, fosthom waħda zoppa, li meta ntebħu bil-wasla tat-Torok ħarbu jiġru. Imma żoppa baqgħet lura. Biex teħles mit-Tork li ried jaħtafha, tefgħetlu l-għaġina f'wiċċu u għamietu. Leġġendi simili jingħadu dwar Kanċla li kienet toqgħod ħdejn il-ħotba li ġġib isimha qrib il-Għolja ta' Ġurdan u l-Forn ta' Mulejja fil-Qala.

Ta' żmien it-Torok ukoll insibu l-leġġendi ta' tfajliet maħtufa mill-kursari Torok. Il-leġġenda tat-Taraġ tal-Bniet tgħidilna li xi bniet kienu qegħdin jirgħaw l-merħiet tagħhom meta qabżu fuqhom it-Torok, ħbewhom ġewwa ħofra, u wara li ħarbtu u serqu kulma sabu, reġgħu marru għat-tfal u ġarrewhom magħhom

għal fuq il-mirkeb tagħhom li kien qiegħed jistenniehom taħt il-blat għoli tal-bajja tad-Dwejra. Leġġenda simili tgħidilna li meta xi tfajliet kienu qegħdin jaħslu l-ħwejjeġ fuq l-Għadira ta' Sarraflu, xi Torok ħatfuhom u ħaduhom magħhom fil-jasar.

Meta fl-1736 il-Patrijiet Kapuċċini riedu jibnu Kunvent f'Għawdex huma żaru tliet postijiet li kienu ġew offruti lihom fejn kellhom jibnu dan il-Kunvent. Post minnhom kien ħdejn il-kappella tal-Madonna tal-Grazzja fit-triq li mir Rabat tieħu għall-bajja ta' Marsalforn. Meta rathom, waħda mara xwejħa devota stagħġbet u qalet: dawn huma l-patrijiet li kont nara deħlin ta' kuljum f'purċissjoni fil-kappella. Meta qalulha li dawk il-patrijiet qatt ma kienu ġew Għawdex, hija xorta waħda kompliet tinsisti li l-libsa tagħhom kienet verament bħal dik li kienu lebsin dawk il-patrijiet. U kien f'dan il-post li eventwalment inbena l-Kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex.

Mara oħra leġġendarja li ma tissemmiex b'ismiha, imma li x'uħud isejħulha Marija, kienet dik li kienet iżżur il-Madonna tal-Knisja taż-żejt fir-raħal tal-Għarb. Din il-mara dejjem xtaqet li jkollha ż-żejt ħalli tkun tista' tagħtih għal-lampier tal-Madonna. Imma kienet fqira wisq. Darba minnhom, b'miraklu, il-Madonna pprovditilha għajn taż-żejt biex ikollha biżżejjed x'tagħti u żżomm għall-ħtiġijiet tagħha. Minħabba r-regħba tan-nies il-għajn taż-żejt nixfet għal kollox, imma din il-knisja qadima baqgħet tissemma bħala l-Knisja taż-żejt.

### IL-MARA FIL-ĦREJJEF GĦAWDXIN

Fil-ħrejjef li jingħadu f'Għawdex wieħed jista' jsib bosta elementi li minnhom jista' mbagħad jislet l-opinjoni tan-nies dwar il-psikoloġija popolari tan-nisa. Fil-ħrafa Għawdxija tar-raġel li kien jifhem l-annimali jitkellmu nitgħallmu li s-serduk għandu għoxrin mara u kollha joqogħdu għar-rieda tiegħu malli jferfrilhom ġwenħajh, u r-raġel ma setax isib tarf ta' mara waħda ħlief meta qabad il-bastun u ried jagħtiha xebgħa bih. Mela, mal-mara trid tkun sod biex tirrispettak. 'Il-mara li qatlet lil żwiegħa' hija eżempju ieħor klassiku li meta mara turiha li inti ta' l-affari tiegħek allura toqgħod għar-rieda tiegħek. Il-ħrafa tat-tiġieġa turina safejn tasal mara. Din issusspettat f'waħda li serqitilha tiġieġa. Hekk kif dik niżlet mill-qrar telgħet tiġri flokha u qalet: Allura t-tiġieġa nroddha? Mhux diġa' għidtlek biex troddha, qal il-Konfessur li ħaseb li kienet l-isess mara. U hekk saret taf li hi kienet serqitilha t-tiġieġa. Il-ħrafa taż-żewġ furnara, it-tnejn nisa, twissina li hawn nisa tajbin u nisa ħżiena. Il-furnara l-ħażina nħarqilha l-ħobż u t-tajba damet toħroġ ħobż mill-forn bla ma seta' jispiċċa. Dan kollu għax tat biċċa ftira lil tifel fqir li kien ġesu' nnifsu. Ħrafa oħra tgħidilna li l-mara għandha tkun onesta minnha. Mill-bqija tista' tidħak bir-raġel kemm trid. Waħda mara ftehmet ma' raġel biex jistaħba f'kamra fil-kampanja b'erbgħa għasafar f'idejh. Meta kienet ma' żewġha riedet tmur f'dik il-kamra. Żewġha ma riedx jemmen li f'dik il-kamra kien hemm xi ħadd għaliex malli martu daħlet fil-kamra dak telaq l-erba' għasafar. Kieku kien hemm xi ħadd ma kienx ikun hemm għasafar, ħaseb żewġha. Imma meta ra r-raġel ħiereġ sar jaf li mara tista' tqarraq bik kif trid. U min ma semax bil-ħrafa ta' kif il-mara daħket bix-xitan? Imma ħawnhekk mhux il-lok fejn nirrakkonta din il-ħrafa. It-tfajjel li ried jiżżewweġ hija ħrafa ta' wieħed li ried jiżżewweġ u kull darba missieru jħassarlu għax kien igħidlu f'widnejh li l-għarusa kienet oħtu. Fl-aħħar, it-tfajjel mar qal lil ommu. U ommu qaltlu: Dik iżżewwiġha kemm trid għax dak mhux missierek! Il-ħrafa 'La tafdax qalbek mal-mara' turina li l-mara kelma ma żżommhiex. 'It-tifel li sawwat 'l ommu' turina li, min ma jweġġahx lil ommu, Alla jikkastigah.

BY TONY Signs
Computer Cut
Lettering & Logos
☎ 556416 Mobile: 0982 9803

D-Bar Cafè
Pan Pizza
& Snacks
Take Away
TWANNY BUTTIGIEG
12, St. Joseph Square, QALA
Tel: 556 242 • Mobile: 0942 7014

Villa Fiorita
marsalforn
Wedding Hall
For that Special Occasion
Tel / Fax: 55 28 37

K.I.P.
(Għawdex) Ltd.
Koperattiva Indafa Pubblika
Għawdex Ltd.

St. Leonard Str.,
Victoria VCT 111,
Gozo.
Tel: 559570 - 554361




• Open Skips għal skart domestiku kif ukoll materjal tal-bini.
• 'Skip on Wheels' u 'Litter Bins' għal Skart ta' Stabilimenti Kummerċjali.
• Nagħmlu xogħol ta' tindif u knis ta' toroq.
• Nagħtu servizz ta' 'House to House refuse collection'.

gozo press




# IL-MUŻEW TAL-ARKEOLOĠIJA
## (It-tieni parti)

*Kif ktibt fl-aħħar ħarġa, dik ta' Diċembru 2000, illum ser nikteb dwar il-karatteristiċi ta' kull fażi. Biex wieħed jifhem aħjar il-perijodi li dwarhom qed nitkellem, sewwa li jerġa' jagħti daqqa t'għajn lejn it-tabella li dehret fl-aħħar ħarġa u li kienet titkellem mit-taqsim tal-fażijiet u taż-żminijiet.*

**Fażi Għar Dalam**

Il-fuħħar huwa ta' kulur griż jew inkella fil-kannella. Ħafna drabi nsibu fuqhom disinni elaborati li kienu jsiru b'xi għadma rqieqa , xi zokk żgħir u rqieq jew inkella b'xi mħara. Kienu jonqxu d-disinn fuq il-wiċċ artab tat-tafal qabel ma jinħema, u bosta minn dawn id-disinni kienu jimtlew bil-ġibs abjad. Dan it-tip ta' fuħħar jixbaħ ħafna lil dak misjub fi Stentinello fi Sqallija, u dan jipprova li l-ewwel nies resqu lejn il-Gżejjer Maltin proprju minn dik il-gżira. Il-biċċiet tal-fuħħar li nstabu kienu ftit u żgħar ħafna biex wieħed jgħid x'tip ta' forom kienu jagħmlu. *(Ara disinni tal-fuħħar **a, b**.)*

**Fażi Skorba Griża u Fażi Skorba Ħamra**

Is-sit li għalih ġiet imsemmija din il-fażi hija Skorba, fiż-Żebbiegħ, Malta, fejn il-Professur David Trump skava l-fdalijiet ta' villaġġ preistoriku u parti minn għarix ovali ta' żmien Għar Dalam. Imma l-fażijiet ġew separati minħabba t-tip ta' kulur tal-fuħħar. Għalhekk insibu Skorba Griża, peress li l-kulur tal-fuħħar huwa griż, filwaqt li l-kulur ħamrani jagħmel l-fażi ta' wara u allura Skorba Ħamra. F'dan it-tip ta' fuħħar ma nsibux aktar id-disinn elaborat bħal ta' Għar Dalam, anzi f'dak ta' Skorba Griża ma nsibu ebda disinn, filwaqt li f'dak ta' Skorba Ħamra nsibu ftit ħafna. L-istil ta' fuħħar issa hu aktar angulari, u l-aktar li nsibu huma bwieqi miftuħin, tip ta' vażuni bis-sieq u anke bħal kuċċarun li għandu l-manku tiegħu wiesa' u jispiċċa miftuħ fil-forma ta' M. *(Ara disinni tal-fuħħar **c, d, e**.)*

**Fażi Żebbuġ**

L-ewwel fażi ta' Żmien it-Tempji hija l-fażi ta' Żebbuġ, imsemmija hekk wara li nkixfu numru ta' oqbra f'Ta' Trapna ż-Żgħira, fiż-Żebbuġ, Malta. Il-fuħħar huwa mżejjen b'sinjali mħaffra fil-fond fil-wiċċ tat-tafal qabel ma kien infornat. Ħafna drabi d-disinn kien jimtela' b'kulur abjad biex jinqala' aktar. L-istil tipiku ta' din il-fażi huwa fuħħar f'forma ta' lanġasa, li xi drabi huma mżejna b'disinn li juri dik li tista' tkun il-figura umana fi stil stilizzat ħafna. *(Ara disinni tal-fuħħar **f, g, h**.)*

**Fażi Ġgantija**

Is-sit huwa diġa magħruf sewwa magħna. Id-disinn fuq il-fuħħar ta' din il-fażi kien isir billi kienu joborxuh fuq il-wiċċ tal-fuħħar wara li kien jinħema. Partijiet mid-disinn kienu mibruxa bl-istess teknika tal-fażi ta' qabel, u fl-aħħar kienu jinżebgħu bl-okra ħamra. Id-disinn hawnhekk insibuh kemm b'linji dritti kif ukoll linji mdawrin f'forma spirali. Disinn partikulari tal-fażi Ġgantija huwa ta' żewġ linji semiċirkulari li jersqu lejn xulxin u jispiċċaw f'ċirku żgħir fejn jiltaqgħu, magħruf aktar bħala disinn "kometa". Disinn tipiku ieħor ta' din il-fażi huwa dak li jifforma kwadri ħdejn xulxin li jalternaw: wieħed lixx u ieħor mibrux b'linji paralleli. Dawn kienu jinżebgħu wkoll bl-okra ħamra. Il-fuħħar huwa ġeneralment f'forma tonda. *(Ara disinni tal-fuħħar **i, j**.)*




dritti u oħrajn imdawwrin, u aktar minn hekk żiedu disinni aktar elaborati li juru ċertu ħlewwa fil-moviment spirali tagħhom. Naraw ukoll forma ta' disinn applikat fuq il-wiċċ tal-fuħħar, bħal qxur tal-ħut u buttuni, speċjalment fuq ġarar kbar. Il perfezzjoni li toħroġ fix-xogħol tal-fuħħar ftit insibu bħala fi kwalunkwe naħa oħra tad-dinja, u dan mingħajr l-għajnuna tar-rota tal-fuħħari. *(Ara disinni tal-fuħħar m, n.)*

Biex wieħed jifhem u japprezza x-xogħol tal-fuħħar preistoriku, nissuġġerixxi li wieħed iżur il-Mużew tal-Arkeoloġija fi Triq ir-Repubblika, fil-Belt Valletta, fejn wieħed isib l-isbaħ eżempji.

### Fażi Ċimiterju ta' Tarxien

Bejn l-ewwel fażi u l-aħħar waħda ta' Żmien il-Bronż, iż-żmien jidher dieħel wieħed fl-ieħor. L-istil tal-fuħħar ta' l-ewwel nies ta' dan iż-żmien kien impurtat mill-gżejjer Lipari u anke mil-Lvant tal-Mediterran, speċjalment mill-Punent tal-Greċja. Id-disinn jibda jkun aktar ġeometriku u oħrajn fihom kulur ħamrani. Il-forom huma varji, bħal bwieqi forma ta' elmu, oħrajn magħrufin bl-isem Grieg ta' *askoi*; insibu tliet bwieqi żgħar maqgħudin flimkien u kwalitajiet oħra. *(Ara disinni tal-fuħħar o, p, q.)*

### Fażi Saflieni

Din il-fażi qasira kienet tgħaqqad il-fażi tal-Ġgantija ma' dik daqstant importanti ta' Tarxien. Imma l-Ipoġew fih innifsu huwa importanti daqs kemm hu uniku. Id-disinn tal-fuħħar ta' din il-fażi huwa bħal dak tal-Ġgantija, imma mbagħad insibu l-introduzzjoni ta' forom differenti li kienu jikkonsistu fi bwieqi kbar li x-xoffa tagħhom tkun maqluba 'l ġewwa, kif ukoll reċipjenti tondi miftuħin. Insibu wkoll għotien u platti tal-fuħħar ta' kwalità speċjali. Wieħed minnhom huwa dekorat b'figuri ta' għoġiela u mogħoż imnaqqxin fuqu, u li hu kkunsidrat bħala biċċa famuża tal-arti preistorika. L-aktar forma nteressanti f'din il-fażi huwa d-dixx wiesa' u baxx bil-qiegħ ċatt magħruf bħala "il-bieqja ta' Saflieni". *(Ara disinni tal-fuħħar k, l.)*

### Fażi Tarxien

Żmien it-Tempji wasal fil-quċċata tiegħu f'dik li hi arti, arkitettura u kultura fil-fażi ta' Tarxien, li hi l-aħħar fażi, u minn dan ż-żmien ma nafux x'sar minnhom dawn in-nies. Id-disinn fuq il-fuħħar jibqa' jsir l-istess b'linji

### Fażi Borġ-in-Nadur

Il-fuħħar ta' din il-fażi nstab f'bosta bnadi oħra mal-fuħħar tal-fażi ta' qabel, u hekk nistgħu ngħidu li n-nies taż-żewġ fażijiet għexu flimkien paċifikament. Il-fuħħar ta' Borġ-in-Nadur għandu rita rqieqa ta' kulur aħmar ileqq fuq il-fuħħar ta' kulur isfar skur. Id-disinn hu magħmul minn daqqiet żgħar u fondi qishom minn skalpel żgħir. Id-disinn jifforma zig-zag ġeometriku u kien isir qabel ma t-tafal jinħema. Ħafna mill-bwieqi fihom żewġ widniet u għandhom sieq konikali twila. *(Ara disinni tal-fuħħar r, s, t.)*




frammenti ta' skeletri u l-okra ħamra li kienu jużaw ta spiss fuq il-fuħħar, u anke l-iskeletri kienu jinżebgħu bl-aħmar.

Fl-intrata naraw kopji tal-akwarelli dwar il-Ġgantija, li l-artist von Brocktorff pinġa ftit wara lı tnaddfet mınn Otto Bayer. Minn hawn wieħed jidħol fil-kamra dedikata lill-Ġgantija. Diġà spjegajt fit-tul it-tempji tal-Ġgantija fil-ħarġiet ta' qabel, iżda f'din il-kamra wieħed jara, minbarra l-fuħħar, oġġetti oħra, bħas-simbolu maskil, is-serp imnaqqax fuq ġebla rettangulari u blalen tal-ġebel li kienu jintużaw bħala mezz ta' trasport. Fil-vetrina tan-nofs hemm esebiti kopji ta' żewġ irjus li x'aktarx kienu tal-alla tal-fertilità li kien hemm fit-tempji tal-Ġgantija, bwieqi sħaħ, għodod taż-żniet u megħries fejn kien jitkisser il-qamħ.

Fit-tielet vetrina, fost affarijiet oħra, naraw frammenti mit-tikħil miżbugħ bl-aħmar li kienu mkaħla fil-ħajt tat-tempju tan-nofs inhar. Wieħed għandu jinnota d-disinni tipiċi tal-fażi tal-Ġgantija li jinsabu f'din il-vetrina. Fl-aħħar vetrina nsibu oġġetti tal-ġebel u disinni varji fuq il-fuħħar.

Minn din il-kamra wieħed jgħaddi għall-kamra dedikata lill-perjodu tal-Bronż. Fl-ewwel vetrina fuq il-lemin naraw fuħħar rozz, kontra dak li rajna fil-kmamar ta' qabel, b'disinn ġeometriku. Ninnutaw fuħħar misjub fil-Ġgantija, li juri li anke fi żmien il-Bronż kienet għada tintuża, oħrajn minn Daħlet Qorrot u Santa Verna. Il-materjal huwa tat-tliet fażijet ta' Żmien il-Bronż. Fil-vetrina tan-nofs hemm materjal minn fuq l-għolja tan-Nuffara li nstab ġewwa fossa tal-qamħ fejn kien hemm raħal ta' Żmien il-Bronż. Dan is-sit ġie skavat fl-1960. Il-materjal hu tal-fażi ta' Borġ-n-Nadur. Fl-aħħar vetrina naraw fuħħar mill-fażi taċ-Ċimiterju ta' Tarxien, fejn jidhru urni ċenerarji, fejn kien jinżamm l-irmied wara li jinħaraq il-kadavru. Dawn instabu ħdejn il-Villa Rundle fir-Rabat u ħdejn is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù.

*Fil-ħarġa li jmiss nitilgħu fil-parti ta' fuq ta' dan il-mużew.*

**Fażi Baħrija**

In-nies li għamlu l-fażi tal-Baħrija ġew min-naħa t'isfel tal-Italja u kellhom diġà kuntatt ma' nies ta' Żmien il-Ħadid hemmhekk, u magħhom ġarrew l-influwenza ta' din il-kultura. Kif waslu hawnhekk, stabilew irwieħom fil-Baħrija, u minn hemm influwenzaw il-kultura tan-nies ta' Borġ-in-Nadur.

Il-fuħħar jixbaħ ħafna lil ta' Borġ-in-Nadur, imma li jagħmlu differnti huwa l-kulur iswed jew griż li nsibu fuq il-wiċċ tal-fuħħar. Id-disinn huwa wkoll magħmul qisu bi skalpell żgħir, imma hu aktar elaborat u jixbaħ ħafna lid-disinn klassiku Grieg. *(Ara disinn tal-fuħħar u.)*

B'dan it-tagħrif fuq il-fuħħar tal-fażijiet kollha tal-preistorja Maltija nistgħu nkomplu l-mawra tagħna f'dan il-Mużew tal-Arkeoloġija li bdejna mill-ewwel kamra. Fl-ewwel vetrina naraw fuħħar misjub fil-Mixta qrib Għajn Abdul, limiti ta' Santa Luċija, l-eqdem tip li nsibu fil-Gżejjer Maltin. Fit-tieni vetrina naraw fuħħar restawrat, ġebel ovali wżat sew biex iwaddbuh bl-iżbandola meta kkaċċjaw l-annimali, kif ukoll bħala piż, mazez u mrietel, kif ukoll xi għadam tal-annimali. Fit-tielet vetrina naraw fuħħar bid-disinn applikat, għodod tal-ossidjana, taż-żniet u tal-għadam. Fir-raba' vetrina nsibu oġġetti mill-Għar ta' Għejżu, fix-Xagħra, bħal


IR-RITRATT TAX-XAHAR - 1
Twieled Millennju Ġdid!
Awguri!



# int u saħħtek

Dr. Mario Saliba M.D.

## Is-Seklu ta' l-Anzjani

L-età mhux dejjem faċli li tirrikonixxiha. Tiltaqa' ma xi wħud li meta tħares lejhom taħsibhom avvanzati fl-età, iżda meta tistaqsihom issib li huma ta' età iżgħar. Dan jista' jiġri għax il-fizjonomija tal-bniedem tinbidel skond kemm dan marad u kemm ra problemi ma' wiċċu. Min-naħa l-oħra hemm oħrajn li, għalkemm jidhru li għandhom iż-żmien u dan wiċċhom jixhdu, huma jibqgħu żgħażagħ fil-ħsieb u fl-atteġġjament tagħhom lejn il-ħajja.

### *Ħajja Qasira*

Elfejn sena ilu, ftit kienu dawk li jgħixu iktar minn 70 sena. Il-ħajja twila ta' Metusela hija eċċezzjoni. Elfejn sena wara ftit li xejn inbidel. Anke sa 100 sena ilu, in-nies ta' kull pajjiż kienu jgħixu ferm anqas mil-lum. Tant li fil-bidu ta' dan is-seklu fil-pajjiżi żviluppati l-età medja li wieħed kien jistenna li jgħix kienet ta' 50 sena.



### *Nies Ċentinarji*

L-età ta' kemm wieħed jgħix tiddependi mil-livell tal-ħajja soċjali li jkun hemm fil-pajjiż. Fil-Messiku, ir-rata tat-twelid u ta' l-imwiet tat-trabi hija għolja meta tqabbilha ma' ta' l-Amerika ta' Fuq. Għalhekk, fatturi bħal kwalità ta' ikel, ta' djar, l-ambjent, l-edukazzjoni u l-indafa personali u pubblika huma importanti ħafna. Jekk dawn ikunu tajbin, il-ħajja tan-nies titwal. Min-naħa l-oħra, kulħadd jixjieħ, u hemm fatturi bħal mard u fatturi ġenetiċi li jiddeterminaw l-età tal-mewt ta' kull individwu.

Bil-Malti ngħidu li mal-40 jibda jittanta. Hemm min ta' 40 għadu jħossu żagħżugħ. Iżda trid u ma tridx is-sinjali ta' l-età jibdew jidhru. Skond studjużi ta' dan il-fenomenu, mewta naturali sseħħ fl-età ta' 90 sena, daqskemm normalment il-bniedem jgħix. Li tgħix sa 100 sena saret ħaġa mhux tant rari u sikwit nisimgħu li dik jew dak għalqu mitt sena.

Huwa stmat li t-trabi li twieldu fis-sena 2000, is-subien se jgħixu 75 sena u l-bniet 80 sena. Il-millennju l-ġdid se jġib rivoluzzjoni fl-età ta' kemm wieħed jgħix. Il-mediċina moderna, speċjalment l-avvanzi fix-xjenza ġenetika, flimkien ma' stili ta' ħajja aħjar, qegħdin jagħtu sehem importanti biex itawlu l-ħajja tal-bniedem.

### *It-Tieni Pensjoni*

Dan il-fenomenu qed ibiddel il-mod ta' kif il-bniedem jippjana ħajtu. L-irtirar mix-xogħol fl-età ta' 61 sena ilu jeżisti mis-seklu dsatax biss. Fiż-żminijiet tal-lum u tal-ġejjieni, in-numru ta' nies li jaqbżu l-età ta' 70 sena qiegħed dejjem jiżdied. Din l-età minn 70 'il fuq bdew isejħulha *t-terza età* . Fil-ġejjieni m' għandniex nippretendu li ta' 24 sena nidħlu fl-impjieg u nibqgħu fih sa meta nispiċċaw bil-pensjoni. In-natura ta' l-impjieg għandha tinbidel skond il-kapaċità fiżika u mentali ta' dak li jkun. Dment li s-saħħa ta' dak li jkun tippermettilu, dan għandu jibqà jaħdem anke wara l-61. Din l-ideja hawn Malta ma tantx hija popolari għax il-maġġoranza tal-ħaddiema ma jixtiequx li l-età tal-pensjoni tiżdied għal 65.

Issib ħafna każi fejn l-irtirar mix-xogħol ta' xi uffiċjal pubbliku jħalli vojt kbir. Għad jasal iż-żmien li tkun tmissek it-tieni pensjoni meta tagħlaq il-75. Għalkemm ħafna jirtiraw qabel l-età tal-pensjoni minħabba mard mentali, dawn jibqgħu attivi ferm wara, peress li l-bidla fl-ambjent tal-post tax-xogħol u s-serħan tal-moħħ mill-inkwiet tax-xogħol tkun għamlitilhom tajjeb ħafna. Ħazin imur l-istat li jkollu joħroġilhom il-pensjoni qabel iz-zmien.

### *Diskriminazzjoni minħabba l-età*

Fiż-żminijiet futuri ma jagħmilx sens li wieħed jirtira qabel iz-zmien. Dan minħabba li min jirtira ta' bejn 50 u 55 jista jagħmel iktar żmien irtirat milli kien għamel xogħol. Jekk dan ma jsibx xogħol ieħor ikun impossibbli li l-pajjiż iħallas l-pensjoni għal 30 sena oħra. Din l-assurdità trid tispiċċa li bniedem li għandu fuq il-45 jew 50 isibha diffiċli biex isib xogħol sempliċiment għax għandu 'l fuq minn ħamsin. Irridu nibdew nagħmlu bħall-Amerikani u nneħħu d-diskriminità minħabba l-età. Bniedem kapaċi, avolja għandu 50 sena, għandu jkun impjegat daqs wieħed li għandu 30 jew anqas. Fenomenu li għandu x'jaqsam ma' dan huwa n-nuqqas fil-fertilità u allura ta' trabi. Fl-Italja r-rata tat-twelid ilha għal ħafna żmien żero, jigifieri qegħdin imutu iktar milli jitwieldu. Min se se jieħu ħsiebhom l-anzjani ta' 30 sena oħra?

### *Middle Youth*

Minħabba ż-żieda fl-età medja li qegħdin ngħixu, nies bħali li ghandhom 43 sena qed iħossuhom li għadhom żgħażagħ. Din l-età bejn l-30 u l-45 bdiet tissejjaħ *middle youth*. Dan il-fenomenu qed joħloq oppurtunitajiet lil kull min irid jinfreska ħajtu u jidħol għal sfidi ġodda. Ħafna ommijiet jistgħu jerġgħu jibdew karriera wara li jkunu rabbew it-tfal tagħhom; dan minkejja l-fatt li llum iktar trabi qegħdin jitwieldu lil nisa li għalqu t-30 minħabba eżiġenzi ta' studju jew karriera.

Illum wasalna f'sitwazzjoni li persuna trid tibqa' aġġornata mhux f'dak li tkun studjat biss iżda trid tkun kapaċi titgħallem materji oħra biex jekk issib opportunitajiet ta' xogħol fil-ġejjieni tkun tista' teħodhom. Is-sistema li kellna s'issa fejn wieħed jitgħallem sa ċertu età mbagħad jieqaf qisu laħaq is-sema mhix tajba. Kulħadd irid jibqa' jitgħallem u jkun kapaci jiddeversifika t-tagħlim u l-kapaċitajiet tiegħu wkoll. Karriera waħda mhix biżżejjed għaż-żminijiet tal-ġejjieni.

It-trend hija li l-iktar nies imfittxija se jkunu dawk li kapaċi jmorru minn xogħol għal ieħor bl-ikbar faċilità (*work mobility*). Għalhekk, l-edukazzjoni għandha tkun kontinwa tul ħajjitna kollha (*life long education*) u mhux għal perjodu zgħir ta' snin meta nkunu għandna l-iskola. Il-ħajja mhix ta' min jaħliha!



### *Kulħadd Żagħżugħ*

Hekk kif qegħdin fuq l-għatba tal-Millennju l-Ġdid, il-ħajja qegħda toffri iktar sfidi u l-bniedem irid jaddatta ruħu għal dan iż-żmien ġdid. Dan ser ikun is-seklu ta' l-anzjani, u għalhekk kulħadd għandu jħossu żagħżugħ!


OUR PIZZA OVEN SPEAKS ITALIAN



SMUGGLER'S CAVE

Bar • Restaurant • Pizzeria

Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.

Tel: 551005 - 551983



Xerri l-Bukkett



Bar

Restaurant Pizzeria

Dine while enjoying the best view in the Maltese islands

Triq iz-Zewwieqa Qala

Tel. 560331




# Il-Handball...

## *Sports Ġdid għal Għawdex*

Riċentament tfaċċa sports ġdid fil-gżira Għawdxija: il-logħba tal-*handball*. Il-logħba tal-*handball* hija waħda mill-aktar logħbiet veloċi fid-dinja. Huwa sports li għandu xebħ mal-isports tal-*ice-hockey* u l-*basketball*. Hemm min jikklassifika l-logħba tal-*handball* bħala t-tieni waħda l-aktar veloċi wara l-*ice-hockey*.

L-ewwel darba li deher dan l-isports fl-Olimpjadi kien f'partiti ta' esebizzjoni fl-edizzjoni tal-1932 f'Amsterdam, fl-Olanda. Imbagħad, erba' snin wara, fl-Olimpijadi ta' Berlin fil-Ġermanja kien ġie organizzat l-*handball* ta' barra b'numru ikbar ta' plejers; wara dan, però, in-numru kien ġie mnaqqas għal dak attwali u beda jiġi organizzat kif nafuh illum fl-1952. F'Malta beda jiiġi organizzat f'dawn l-aħħar tmin snin u din is-sena tfaċċa wkoll f'Għawdex grazzi għat-twaqqif tal-*Gozo Cohiba Salsa*. Dan l-aħħar intervistajna lil Angelo Bonello li, minbarra li huwa l-president tal-klabb, jokkupa wkoll kariga ta' plejer-kowċ ta' l-istess tim. Huwa qalilna li l-*handball* f'Għawdex nibet wara x-xewqa li wrew diversi biex jiġi ntrodott dan l-isport wara li huwa stess kien qasam magħhom l-esperjenza tiegħu ta' meta kien jilgħab il-*handball* f'Malta. Dawn iż-żgħażagħ dehru ferm ħerqana biex jiġi ffurmat dan it-tim, fejn issa qed jieħdu sehem fil-kampjonat Nazzjonali Malti bis-sehem ta' ħames timijiet oħra. Dwar id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom huma kważi simili għal dawk ta' sports ieħor fejn trid tittrenja bis-serjetà biex tikkompeti b'dinjità, u proprju f'din l-ewwel esperjenza.

Però, grazzi wkoll għall-Assoċjazzjoni Maltija tal-*Handball*, l-Għawdxin, li grazzi wkoll għall-Kumpless Sportiv fir-Rabat, qed jilgħabu fuq bażi ta' *home* u *away*, – u dan mingħajr ma ġew imposti l-ebda kundizzjonijiet fuq l-Għawdxin. Fortunatament mhux bħal fil-każ tal-futbol! Għal daqstant, Sinjuri tal-MFA, jekk jogħġobkom ħudu nota u azzjoni fil-konfront ta' Gozo FC biex tinqata' kull diskriminazzjoni sportiva.

Diffikultà oħra li ġiet issuperata kienet dik tal-*isponsorship* fejn it-tim akkwista żewġ *sponsors* tajba, u dan jgħin konsiderevolment il-funzjoni finanzjarja u amministrattiva tat-tim. Fir-rigward tat-taħriġ, il-plejers qed jipparteċipaw b'entużjażmu u b'impenn, u dan iqawwi l-fiduċja tad-diriġenti fejn iktar żgħażagħ qed jieħdu nteress, anke jekk din il-logħba hija kompletament ġdida għalihom.

Dwar il-futur tal-*handball* f'Għawdex, Bonello qalilna li huwa ferm importanti li dan jibda jiġi



mgħallem fl-iskejjel, għax jekk le ftit huma dawk it-tfal li la jikbru jagħżlu dan l-isport. Ovvjament, dawn jippreferu iktar id-*disco* u n-*nightclubs* milli li jagħmlu s-sagrifiċċju u t-taħriġ biex jipprattikaw l-isports. Din hija xi ħaġa nkwetanti ghax jidher ċar li ftit hemm orjentament għall-isports fis-soċjetà preżenti in ġenerali. Għalhekk huwa ferm essenzjali li wieħed inissel kultura sportiva fit-tfal tagħna ghax b'hekk biss inkunu qed nibnu fuq soċjetà sportiva u niggarantixxu futur sportiv aħjar minn dak preżenti.

U proprju din hija l-ambizzjoni prinċipali tal-President tal-*Gozo Cohiba Salsa,* li l-*handball* jiġi mmedjatament introdott fl-iskejjel primarji biex b'hekk it-tfal jitħajru jilgħabu din il-logħba nteressanti u '1 quddiem ikun hemm biżżejjed plejers stabiliti li jieħdu post dawk eżistenti li xi darba jridu jagħmlu l-wisa' għal ħaddieħor. B'hekk il-*handball* li nibet riċentament ikun jista' jkompli għaddej b'ritmu tajjeb u b'hekk inkunu nistgħu ngħidu li dan l-isport ġdid tal-*handball* twieled f'Għawdex biex jibqa' u jkompli jiżviluppa.

Jekk il-futur huwa mportanti, daqstant ieħor għandu mportanza l-bidu, fejn din l-esperjenza inizjali tal-*handball* f'Għawdex hija sabiħa u nteressanti, fejn issa żdied sports ġdid f'Għawdex u dan jagħti aktar għażla varjata lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Barra minn hekk, l-introduzzjoni tal-*handball* qed tgħin biex l-isports Għawdxi ma jibqax daqstant limitat.





# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

*Wara li matul is-sena li għaddiet, din il-paġna kienet riservata għall-aħbarijiet miċ-ċiber spazju, ħsibna li reġa' wasal iż-żmien li nduru għall-kurżitajiet, li tant kellhom rispons tajjeb fis-snin li għaddew minnkom il-qarrejja tar-rivista. Kurżitajiet li ser juruna l-istramberiji li bihom hija mimlija d-dinja tagħna! Stramberiji li jqanqlu stagħġiba u forsi wkoll tbissima!*

• Wara li żar l-Olanda, il-Kżar Pietru l-Kbir bagħat lejn ir-Russja kollezzjoni kbira li kienet tinkludi ġebel u fossili antiki ħafna priservati fl-alkoħol. Sfortunatament, ħafna ġebel prezzjuż ma wasal qatt ir-Russja, għax il-baħħara kienu jħobbu l-alkoħol!

• Meta Walter Wingfield introduċa l-*lawn tennis* fl-1874, semma l-logħba Sphairistike.

• Ir-Reġina Katerina ta' l-Isvezja, li għexet qrib is-sena 1600, kienet tiddejjaq ħafna meta tara xi dubbiena qrib tagħha. Tant li darba ordnat li jsirilha minjatura ta' kanun li kapaċi joqtol id-dubbien. Il-kanun, li kien twil 4 pulzieri, ingħata lir-reġina iżda ftit irnexxielu joqtol dubbien!

• Fid-disa ta' fil-għodu tas-27 t'Awissu 1896, il-flotta navali ta' Zanzibar kienet tikkonsisti fid-dgħajsa qadima *The Glasgow*. Sa tliet kwarti wara, iz-Zanzibar kienet tilfet ukoll din id-dgħajsa f'tilwima mall-flotta Rjali!

• Wieħed eċċentriku Awstraljan bena dar kbira magħrufa bħala *Calendar House*. Kellha 52 kamra li jirrappreżentaw in-numru ta' ġimgħat fis-sena; 365 tieqa waħda għal kull jum tas-sena; 12-il ċumnija li jirrappreżentaw ix-xhur tas-sena; u 7 bibien ta' barra li juru l-ġranet tal-ġimgħa.

• F'inċident li seħħ matul it-Tieni Gwerra Dinjija, huwa stmat li 500,000 *acres* ta' art ġew mgħarrqa. F'dan l-inċident inqatlu madwar 250 biljun insett żgħir!

• John Paul Getty, wieħed mill-aktar nies sinjuri fid-dinja, kellu *payphone* id-dar.

• Il-Papa Adrijanu VI miet wara li weħlet dubbiena fi griżmejh. F'dak il-mument kien qed jixrob ftit ilma minn funtana

• L-aktar kunjom popolari fi Franza huwa "Martin".

• L-ammiral Lord Nelson kien twil ħames piedi u żewġ pulzieri!

• L-attur Sean Connery, li għal snin twal ħadem il-parti ta' James Bond, kien darba jaħdem f'ħanut tat-twiebet.

• Fi żmien tliet snin, aktar minn 20 miljun Afrikan ittieħdu l-Amerika u l-gżejjer tal-Karibej bħala skjavi.

• Robert Louis Stevenson kiteb *Travels on a Donkey* matul il-*honeymoon*.

• Ir-rumanz *Les Miserables* ta' Victor Hugo għandu l-itwal sentenza li qatt ġiet ippublikata. Fiha 823 kelma!

• Il-bijografiji dwar il-Madonna jgħaddu lil dawk dwar Ġesù b'darbtejn.

• Kull sena l-manifatturi tal-logħba Monopoly jistampaw aktar flus mit-Teżor ta' l-Istati Uniti.

• Ir-re Ġorġ I ta' l-Ingilterra la kien jaf jikteb u l-anqas jaqra bl-Ingliż!

# MARTIN'S DINER

**Mgarr Road, Nadur,**
**(In front of the football ground)**
**Tel: 558974**






## CALIFORNIA RESTAURANT

**Gorg Borg Oliver Street, Victoria, Gozo.**
**Tel: 556234**



GOZO
FURNITURE & PLASTIC COVERS

19, Main Gate Street, Victoria, Gozo. Tel: 556824 (by the Bus Terminus)
St. Lukes Square, G'Mangia, Malta. Tel: 233029 (in front of St. Lukes Hospital)
Factory: St. John Street, Nadur, Gozo. Tel: 556053, 556361 Fax: 553720.


AVENSIS
AVENSIS
The new D4D. Our most advanced diesel engine ever, engineered to deliver both poise and power. Now the Toyota Avensis diesel incorporates common-rail direct-injection technology. And while common-rail may not be exclusive to Toyota, the refinement and engineering excellence that the Avensis represents is very much exclusive to Toyota.
You see, quite simply, it's a better car. Whatever engine option you choose. You don't want to compromise and neither do we. Find out just what it feels like inside, when you're inside the Toyota Avensis D4D or TD.
TOYOTA
D-4 DIESEL
AVENSIS
The Avensis.
Inner peace as standard.
debono Rohan Arch, Zebbug. Tel: 465806, 465642. Fax: 464095
Gozo Dealer: PARDI ENTERPRISES LTD. Tel: 556678, 553715.
TOYOTA